# IL-PULIZIJA MAGAZINE

Ħarġa Vol. 10 - Nru. 1

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS




Ideal Standard
100
YEARS OF SERVICE
Plato,
Shakespeare,
Mozart,
Dun Karm…
Plato,
Shakespeare,
Mozart,
Dun Karm…
…All went to the bathroom.
In fact, more great thinking has been done in the bathroom than in all the seminars and summits put together. Which makes it worthy of thought. We'll get you started with ideas and inspiration.
Satariano
LIMITED
Leaders in sanitary ware and ceramic tiles by quality and reputation
AGENTS, DISTRIBUTORS, IMPORTERS & CONTRACTORS
Msida Valley Road, B'Kara BKR 10.
Tel: 442769, 491017, 448628, 492548. Fax: 497017.

IL-PULIZIJA MAGAZINE

Ħarġa Vol 10 - Nru.1

# F'DIN IL-ĦARĠA

3 Editorjal

4 Attivitajiet Entertainment Committee

11 Stedina lill-Korp fuq Super One T.V.

13 Crime Detection

14 The Road Ahead

17 Speed

19 L-Ass. Kumm. is-Sur Alfred Abela

21 L-Aħħar Ċena

23 Għaqda Pulizija Pensjonanti

25 Obitwarju

29 Ġabra ta' appelli kriminali

33 Terrorism

34 Sir George Borg - ir-raba' parti

39 Alla kapaċi jbiddlek

40 Deskrizzjoni ta' l-Emblema u l-Bandiera tal-Korp



**Pġ 4** Attivitajiet Ent. Comm.



**Pġ 11** Stedina lill-Korp fuq Super One T.V.



**Pġ 19** L-Ass. Kumm. Alfred Abela

# Peugeot Cars... Built by Engineers

**106 PEUGEOT**




The Peugeot 106 - the ideal companion! New sleek curves. Standard equipment includes Front Electric Windows, Tinted Glass, Central Locking and Power Brakes. Fitted with a 1.1 petrol engine or a 1.5 diesel engine plus an exciting range of colours to choose from. Available in 3 and 5 door versions




**306 PEUGEOT**

The Peugeot 306 is a pleasure to drive - fitted with a 1360cc injection engine complete with catalyser or diesel engine 1905cc. Standard equipment on both versions include power steering, central locking, front electric windows, tinted glass, power brakes, plus spoiler colour co-ordinated with the bodywork. Available in hatchback, saloon and estate.

**406 PEUGEOT**




The Peugeot 406. Objectively superior to its competitors in terms of security, riding pleasure, comfort and roadholding, Peugeot is offering you the results of its experience and creativity. Available in petrol injection and turbo diesel versions - saloon and estate with airbag, airconditioning and other accessories as standard equipment.

## MICHAEL ATTARD LIMITED

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951 Fax: 240233
Psaila Street, St. Venera. Tel: 449312
Gozo Agent: Attard Auto Dealer - Mgarr Road, Ghajnsielem Tel: 559453

**PEUGEOT**
*Engineered to be Enjoyed*

**EDITORJAL:**

# INKOMPLU BIL-ĦIDMA LI BDIET 21 SENA ILU

Bħall ma' jafu ħafna mill-membri, l-magażin 'IL-PULIZIJA' ilu jiġi ppublikat għal dawn l-aħħar 21 sena. Mhux kollox kien ward u żgħar. Kienu żminijiet ta' xogħol diffiċli ħafna u kien hemm żminijiet li anke kien hemm il-ħsieb li dan il-magażin li huwa meqjus bħala makkinarju mportanti fil-ħajja tal-korp tal-Pulizija jiġi fi tmiemu, Kien hemm bi sfortuna ngħid, perijodu li dan il-magażin kellu jieqaf anke għal perijodu minħabba ħafna raġunijiet.

## SFORZ

Għaldarba oħra bi sforz kollettiv li sar minn kulħadd il-magażin reġa' beda jiġi ppublikat regolarment però l-problemi li dejjem kellna nħabbtu wiċċna magħhom kienu u għadhom hemm.

## APPELL

Fost l-akbar problemi li nsibu huma, l-artikoli li minn żmien għal żmien nagħmlu sejħiet għalihom fost il-membri tal-korp. B'dispjaċir ngħid li kienu ftit wisq dawk il-membri li taw il-kontribut tagħhom biex nżommu din il-pubblikazzjoni ħajja. Minn hawnhekk qed nerġa nappella lil kulħadd biex kull min għandu xi artikli ta' nteress għandu jgħin lill-bord editorjali fix-xogħol tiegħu, u jgħaddi dan il-materjal għall-pubblikazzjoni.

## PROBLEMI OĦRA

Problemi oħra kellna u mhux ftit, però grazzi għal kulħadd, dawn xi ftit jew wisq ġew solvuti. Fosthom dik tar-reklamar, li grazzi għal dawk kollha li rreklamaw magħna fil-passat u dawk li għadna fil-preżent, il-magażin baqa' ħaj.

Bħal dejjem, huwa l-ħsieb ta' kulħadd li l-ħajja tal-magażin tinżamm ħajja u regolari, però mingħajr l-għajnuna tagħkom dan ma jkunx possibli. Għaldaqstant nħeġġukom biex tagħtu sehemkom, kemm f'dawk li huma artikli kif ukoll tagħmlu użu mir-reklamar li jkollna fuq dan il-magażin.




**Editur:**

*PC 512 Martin ELLUL*

**Membri Bord Editorjali:**

*Inspector David SALIBA*
*Inspector Mary MUSCAT*
*PS 402 M. TONNA*
*WPS 21 J. BORG SCERRI*

**Volum 10 Numru 1**
Maħruġ mill-Pulizija

**Issettjat u Stampat:**

PALPRINT PRESS,
O#L OF MERCY STR.,
ZEJTUN.
TEL\FAX: 678609

Ritratti ta' dan il-magazin meħuda minn Ps 423 N. Grixti Pc 516 A. Borg

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbgħat lill:

***Editur "Il-Pulizija",***
***Police Library,***
***Police Headquarters,***
***Floriana CMR 02.***

Abbonamenti għal "Il-Pulizija" għandhom isiru fl-indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi l-magazine id-dar bil-posta.

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.

"Il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.




*L-Aħħar Ċena*

# ATTIVITAJIET ENTERTAINMENT COMMITTEE

L-ewwel attività li ġiet organiżżata mill-Kumitat ta' l-entertainment tal-Korp kien il-party tat-tfal li sar ġewwa Sir Temi Zammit Hall l-Universita, nhar id- 19 ta' Diċembru 1997.



DEHRA TAL-PALK BIL-LOGHOB GHADDEJ WAQT IL-PARTY



Il-Clowns iduru mat-tfal



Il-Clown jkellem lit-tfal



Id-diskors tal-Kummissarju tal-pulizija waqt il-Party. Jidhru wkoll il-Prim Ministru Dr. Alfred Sant, L-Onor. Min. J. Mizzi u l-membri tal-Kumitat Ps 506 C. Zammit u P.c. 512 M. Ellul



Waħda mill-Entertainment flimkien mal-kor tat-tfal



Father Christmas flimkien mal-Clown

## Model Valentina



Two Kitchens from a choice of
several models available in either
Oak, Pine or Walnut,
to suit all measurements and layouts.

## Model Regina



**fino**®

**C. FINO+SONS LTD.**
Mriehel

The leading name in furniture




You're looking at Lazlo. And, believe it or not, Lazlo is looking at you.

But then he's used to looking at the world through thick, corded hair, he's a Hungarian Puli. At home in Hungary, where his cousins work as sheepdogs, their snug, waterproof coat gives them invaluable protection on the wind blown plains.

Lazlo too, has been well protected right from the start. He was bred and reared by a breeder who knows the value of Pedigree Chum Mixer. THe special combination and balance of proteins, vitamins and minerals have helped him grow from a ball of fluff into a 'Best of Breed' winner. (He's caught the judges' eye on no less than seven occasions.)

So, although you can't actually see the glint in Lazlo's eye for yourself, you can take our word that it's there. After all, he's been raised on Pedigree Chum, and there's no better food for him.

It's no wonder so many top breeders recommend it.




Sole Agents & Distributors: **Charles Darmanin & Co. Ltd.** *LuretCutajar Street , Żebbuġ ŻBĠ 06. Tel: 463060*

# Il-Ballu tal-Milied





IL-PRIM MINISTRU
DR. ALFRED SANT
JIEĦU B'IDEJN DAWK PREŻENTI,
SEGWIT
MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA
S-SUR G.GRECH

DAWK PREŻENTI
GĦALL-BALLU



# PALPRINT PRESS

## Typesetters, Designers and Printers of

*FULL COLOUR BROCHURES, BOOKS, MAGAZINES, STATIONERY ETC..*

*We are also direct importers of a large variety of Wedding Invitations and Souvenirs at very reasonable prices.*

**OUR LADY OF MERCY STR., BIR-ID-DEHEB, ZEJTUN.**
**TEL/FAX: 678609**

# L-IKLA
# FIL-JERMA PALACE HOTEL

L-aħħar attività organiżżata kienet dik tal-Jerma Palace Hotel, bil-booking jagħlaq minn ħafna ġranet qabel minħabba li kienu ħafna dawk li riedu l-biljetti. Dan sar fit-30 ta' Diċembru 1997.









Make their money grow faster than they do.



By opening BOV deposit account for your child now you help them to a more secure future. Bank BOV.

Bank of Valletta

*Malta's Leading Bank*

# Stedina lill-Korp tal-Pulizija fil-programm 'Ghidli xi jmiss' fuq Super One T.V.



Il-preżentatur tal-Programm, Ray Azzopardi jintervista lis-Surġent Mallia, li jieħu ħsieb id-Drill Team.



Pablo Micallef, wieħed mill-preżentaturi tal-programm jintervista lill-Membri tad-'Dog Section'

Dan l-aħħar, il-Korp tal-Pulizija kien mistieden mill-istazzjon Super One T.V. għal programm 'Għidli xi jmiss' ta' Ray Azzopardi.

Preżenti għal dan il-programm li kien ferm interessanti, kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija u bosta membri tal-Korp li lkoll kemm huma spjegaw is-sezzjonijiet li kienu ġejjin minnhom. Minbarra id-'Drill Team' kien hemm il-Banda tal-Pulizija, Kavallerija, u s-Sezzjonijiet tal-Klieb u tat-Traffiku fost l-oħrajn.

Minn din il-paġna, ngħatu l-prosit lil kulħadd.



Id-'Drill Team' waqt il-programm



Il-Banda tal-Korp tal-Pulizija li ġiet mfaħħra ħafna.

# *Pagna ta' l-Ittri*



To
His Excellency
The Diplomat High Commissioner of United Kingdom,
Mr. Graham R. Archer,
7, St.Anne Street,Floriana.

In these last days, a member of our volunteering Executive Committee, of The Malta Movement For Hunting And Environment, was awarded with a certificate of Merit at our Central Office in 166 Main Street Mosta, by the Honorary Officials of the mentioned Movement, for his good deed in one of his normal usually day duties at the Fire Brigade Section, in Xemxija, as a Police Sergeant Officer.

The mentioned Police Sergeant Officer of the Fire Brigade at the Xemxija Station, Mr. Natalino Bezzina was called urgently to Ghadira Bay, on the 1st November 1997, where an English Citizen, Mr. John Fletcher was in seriously difficulties in the sea while he was trying to survive other English Citizens relatives, from drowning while they were swimming in rough sea waters.

The desperately tentatives of Mr. Natalino Bezzina to survive the English citizen John Fletcher from the serous difficulties which he find himself in, were all in vain, even after Mr. Bezzina gave him the kiss of life, for a long time without any success, unfortunately the man Mr. John Fletcher died on the shore soon after.

As a General Secretary \ Media Officer, of the Malta Movement For Hunting and Environment, I am proud to represent our member of the mentioned movement, to letting you informed well for his well done deed, even where his physical health was in danger in the sea water and from risks of illness after the Resusciation (C.R.P) intercourse. Although the survive tentatives unfortunately have failed, Mr. Natalino Bezzina did his best.

I am sending you the Best Regards.

Yours Faithfully,
Edward Decelis
Gen. Sec. \ Media Officer
The Malta Movement For
Hunting and Environment.

**it-TORĊA**

2,784 — IL-ĦADD 2 TA' NOVEMBRU, 1997 — 15c

## Turist jegħreq wara li salva tnejn oħra fl-Għadira

minn JOHN PISANI



5 January 1998

Mr Edward Decelis
General Secretary
The Malta Movement for Hunting
and Environmentalists
PO Box 22
Mosta

P.O. Box 506
7 St. Anne Street
Floriana, Malta C.C.

Thank you for your letter of 28 December about Sergeant Natalino Bezzina's involvement in the attempted resuscitation of John Fletcher at Għadira bay on 1 November 1997. The family of Mr Fletcher were most grateful for Sgt Bezzina's efforts despite the fact that Mr Fletcher did not recover.

I shall arrange for a copy of your letter to be sent to Mr Fletcher's family. Thank you once again for bringing this to my attention.

G R ARCHER
High Commissioner

## Inkjesta dwar dewmien ta' ambulanza

● minn paġna 1



John Fletcher ma' l-art, jingħata l-messaġġi u l-bewsa tal-ħajja f'attentat biex isalvawh ħajtu



2 IL-MUMENT – IL-ĦADD 2 TA' NOVEMBRU, 1997 — AĦBARIJIET LOKALI

## Miet biex isalva tnejn mill-għarqa



# CRIME DETECTION

This takes you behind the scenes where crime and its opposing peace officers have come to grips in a battle for mastery. When you have carefully read this article you will have a good picture of the important part the trained man of today plays in this combat.

You will see that it is not the "higher education" which determines the ability of the detective, but ordinary common sense and a knowledge of the simple yet scientific processes with which the crime detector works.

Modern times have seen a new spirit come over the peace agencies engaged in the war on crime. This spirit rose with the entrance of Finger Print science into the battle. Today Finger Prints take the lead, for they deal with exact facts. Many a case that ordinarily might have fallen down, in spite of a mountain of circumstantial evidence, today triumphs because some young man, trained for the purpose, finds a single piece of absolute proof.

The science of criminal identification is still growing up Year by year it moves forward on an ever widening front, with new technique; new inventions, more exact processes.

In America the public is at last awakening to the many advantages of civilian registration by finger prints. The opportunities for students are excellent. Should our government suddenly decide to finger print all citizens, at the present time there would not be, it is fair to say, nearly enough trained experts to do this job thoroughly.

Today, with crime organized on a vast scale, the law finds it necessary to call on all the trained scientific help it can get hold of. The mystic days of the supersleuth may be gone, but romance and adventure still live in this profession—excitement still thrills—for the trained man of today finds his work as varied, as stimulating as ever did a Sherlock Holmes—his discoveries as animated and stirring.

When you have read these pages and learned how science does its crime work; when you have felt the thrill and excitement of real crime mysteries solved, you will begin to understand why a man of ordinary common sense, plus the desire to succeed, can make his mark and win his rewards by training for Crime Detection.

## HOW THE INVESTIGATOR OPERATES

Crime detection today leans heavily on scientific methods for clews and disclosures. The trained detective of this era approaches his crime problems with a full realization of how skilfully science can serve him. He acts accordingly.

Let's take a trip with one of these able men at work. Let us imagine we are accompanying him on a case—say a store burglary. The first thing the investigation man does when he reaches the store is to order that nothing be touched. Next, he has the store closed, if it is practicable to do so, and keeps everyone out except the owner and the proper police officials. He cautions these, too, not to touch anything.

Then he seeks to determine how the thief gained entrance to the store. Did he open a window or door, or did he cut part of the glass from a window pane and then reach in and unlock the window, or did he possess a key? A very careful investigation of how the thief gained entrance to the store may reveal whether it was an inside job or not.

If the thief forced a window, door or skylight, or if he cut out part of a pane of glass, nine times out of ten there will be plenty of finger prints. The operative searches for them all over the door or window frame, all over the glass and all over the

continued on page 15 ➠

# THE ROAD AHEAD

Article by
P.S. 506 CHARLES ZAMMIT
Stationed at the traffic Section



Every year on the roads of Malta several people are injured or die as a consequence of traffic accidents. The aim of the traffic Police is to make the roads safer for all; to instill discipline and education and; to improve the flow of traffic. This can be achieved by making our visible presence felt. This text sets out strategy for achieving this.

**AN EIGHT POINT PLAN TO TAKE TRAFFIC POLICING INTO THE 21ST CENTURY**

In partnership with the public and other agencies we will work together to;

1. Enhance road safety.
2. Provide a rapid response to emergencies.
3. Respond sensitively to victims.
4. Tackle inconsiderate road users.
5. Target mobile criminals and crime.
6. Improve the flow of traffic.
7. Reduce the number of fatalities.
8. Reduce the number of traffic accidents.

## ENHANCE ROAD SAFETY

- Forging partnerships with local authorities and other organizations, educating the public, identifying engineering problems and enforcing traffic laws.
- Introducing traffic calming measures.
- Introduce the use of camera and other technologies.
- Supporting national, regional and local road safety initiatives.
- Enhancing the specialist training of our officers.
- Making the best use of Traffic Police to promote a partnership approach to road safety with the community.

## PROVIDE A RAPID RESPONSE TO EMERGENCIES BY;

- Assigning the nearest appropriate officer to urgent calls regardless of police divisional boundary.
- Providing trained traffic officers to meet the needs.
- Using technology to improve communications with patrolling officers.

## RESPOND SENSITIVELY TO VICTIMS BY;

- Providing support to victims and families of those involved in serious accidents or road deaths.
- Making appropriate referrals to victim support and other caring agencies.
- Improving the supply of information by Police through personal contacts and dedicated Victim Liaison Officers.

## TACKLE INCONSIDERATE ROAD USERS BY;

- Assisting local beat officers to solve traffic problems with their communities and local

authorities.
- Providing speed detection devices.
- Continuing close liasion with the Traffic Control Board and other authorities.
- Deterring offenders through education programs and appropriate prosecution.

## TARGET MOBILE CRIMINALS AND CRIME BY;

- Using traffic officers to spearhead action against all types of vehicle crime.
- Providing quality information to enable traffic officers to focus more effectively on current crime.
- Placing greater emphasis on gathering crime related information.
- Paying special attention to known active criminals.

## IMPROVE THE FLOW OF TRAFFIC BY;

- Building more bypasses to avoid a heavy load of traffic from town centres.
- Introducing more pelican lights where pedestrian crossings are used frequently.
- Demolishing all roundabouts and introduce new traffic arrangements.
- Refreshing all road markings.
- Banning horse riding from roads.

## REDUCE THE NUMBER OF FATALITIES BY;

- Showing a number of educational slots on all televisions stations before every news.
- To promote good driving on all news papers.
- To revise driving test.
- To detail more Police officers on the road.

## REDUCE THE NUMBER OF TRAFFIC ACCIDENTS BY;

- Upgrading all road surfaces.

*The effectiveness of the above strategy will be measured through a continous monitoring process including public attitude surveys.*

**TRAFFIC POLICE SECTION IS COMMITTED TO MAKING OUR ROADS SAFER FOR ALL OF US.**

# ....how the Investigator operates.

**continued from page 15**

walls within close proximity of the door or-window. In case he finds prints, he takes extra precautions to see that they are not disturbed. He gets permission to remove the door or window which contains the prints, to take them to his office. In case he cannot do this, he photographs them. But he is sure to have a witness with him when he does this, so when he gets his man in court, the witness can swear that the prints were photographed in the store and at the point where the thief broke in. (Judges, defence lawyers and juries are particular on all these little detail. However, the student of this profession is thoroughly taught all such points so that when he has a case he knows exactly how to handle it.)

In case he finds no prints where the thief broke in, or in case he cannot find where he broke in, he goes to the safe, cash register, show cases, cash box and everywhere else the thief may have been. He will almost certainly find prints in these places, usually dozen of them.

The next step after removing the articles which contain the prints or having prints photographed, is to finger print every person who has been in and about the store since the burglary, including the proprietor, all employees, and all detectives and police officials. This is absolutely necessary and may cause a great deal of trouble later on if not followed,

I remember a case of burglary where the thief stole over Lm30,000 worth of diamonds from a gold jewel case. The detective found wonderful thumb and index finger prints on the lid and side of the case. After spending considerable time and trouble searching the police files, he accidentally found the prints belong to a police officer, who had handled the jewel case before the detective was called in. The detective neglected to finger print his chief, although he knew he had been in the house.

# The Revolutionary Gillette Sensor




## *It senses and adjusts to the individual needs of your face for the best shave a man can get.*



*The remarkable Gillette Sensor shaving system creates an entirely new standard in shaving performance. It's a shave personalized to every man.*

*The revolution starts with the platinum hardened Sensor twin blades. They're individually and independently mounted on highly responsive springs. So they continuously sense and automatically adjust to the individual curves and unique needs of your face.*

*But innovation doesn't stop there. The ultra narrow metal skin guard is also mounted on springs. It moves in total harmony with the blades to set up your beard for optimum shaving performance. Keeping this technology in constant contact with your face required another breakthrough. A dramatic redesign of the entire pivoting process creates a wider, more responsive, unprecedentedly smooth pivoting action. Innovation is everywhere. You can feel it in the textured ridges and balance of the Sensor razor. You appreciate it in the easy loading system and the convenient shaving organizer.*





*Even rinsing is innovative. The new blades are 50% narrower than any others - water flows freely around and through them, helping to make rinsing and cleaning totally effortless.*

*But the true revolution of Sensor comes not with any one feature, but with the way the Sensor technologies work together. They combine to give your individual face a personalized shave - the closest, smoothest, safest shave you've ever had. Or, more precisely, the best shave a man can get.*




**Gillette**

***The Best a Man Can Get***

*SOLE REPRESENTATIVES: GEORGE BORG LTD. 26/2 MERCHANTS STREET, VALLETTA. TEL:225441.*




## COULD YOU STOP IN TIME?

The two most common causes of road accidents are drivers travelling too fast and misjudging speed and distance. Most people would agree with the Highway Code's advice to 'Leave enough space between you and the vehicle in front so that you can pull up safely if it slows down or stops suddenly'. Few drivers actually put this into practice judging by the many shunts that occur and the practice of 'tailgating' on main roads. The shortest stopping distance and any speed is a combination of thinking distance (i.e. reaction time x speed ) plus braking distance.

## STOPPING DISTANCE DEPENDS ON

- How fast you are going.
- Whether you are travelling on the level, uphill or downhill.
- The weather and state of the road.
- Your driving ability and reaction time.

Many people drive much too close to the vehicle in front or too fast for the road and traffic conditions. This is probably because they think they can pull up in a shorter distance than they really can. This in turn is often because they cannot judge distances properly.

It is all very well to be able to recite a table of stopping distances, but imagine the result if what you think is fourthy (40) meters is actually twenty seven (27) meters.

On the open road try to keep a gap of two (2) seconds between you and the vehicle in front. As the vehicle in front passes a fixed object e.g. a traffic sign or an electricity pole ) start saying slowly 'Only a fool breaks the two second rule' . :If you pass the same object before you finish the saying, you're too close. This should give you adequate time to react in good conditions. Double the gap in bad weather by saying the phrase twice.

## TOO CLOSE FOR COMFORT

If you have to take panic action because you have insufficient room to act smoothly, you are either going too fast or driving too close to the vehicle in front.

If you are following a vehicle closer than your thinking distance you will hit it if it stops suddenly. When it's brake lights come on - it's already stopping while you travel your thinking distance before your foot reaches the brake pedal.

## GIVE YOURSELF A CHANCE

- Choose the right speed for the conditions and road layout - that is slow enough to be able to stop within the distance you can see to be clear ahead.

***TWICE THE SPEED MEANS FOUR TIMES THE STOPPING DISTANCE.***

- Always make allowance for variations in the road surface, the effect of weather conditions and the possible sudden appearance of other vehicles and pedestrians - especially children.

***SPEED CAN KILL***

- Check your vehicle regularly and have it serviced according to the manufacturer's instructions. Ensure the brakes are efficient, the tyre pressure are correct and the tread has more than the legal minimum depth.

***WORN TYRES ARE LETHAL***

- Make sure you are fit to be at the wheel. If you are tired or unwell avoid driving if you can. If you are taking medicines - check the label for warnings about their effect on driving or ask your general practitioner.

*Article by*
P.S. 506 CHARLES ZAMMIT
*Stationed at the traffic Section*

Have your eyesight tested at least every two (2) years; even if you think your eyes are all right, changes in vision can be gradual and you may not be aware of them.

***SEE WELL FOR SAFETY***

Alcohol reduces co-ordination, lenghtens reaction time and impairs judgement of speed and distance.

***DON'T DRINK AND DRIVE***

## COULD YOU STOP IN TIME

***STOPPING DISTANCES***

**REMEMBER**

In normal driving your actual reaction time is likely to be slowed by distractions or lapses in concentration. Also, changes in road and weather conditions and brake \ tyre wear will make braking distances longer.

***SPEED CAN KILL***

***YOU NEED TIME TO REACT***



Available From Leading Outlets

Foglia
LA PASTA SFOGLIA

......Naturally!
Available From Leading Outlets

Foglia
LA PASTA SFOGLIA

......Naturally!

Available From Leading Outlets

Foglia
LA PASTA SFOGLIA

......Naturally!
- Cheesecakes
- Meat Pies
- Pizza
- Pizza Pastry
- Ravioli
- Sausage Rolls
- Short Pastry
- Tortellini

A NEW NAME BACKED BY
DECADES OF EXPERIENCE

Neriku
CONFECTIONERY LTD

13 The Mall, Floriana VLT 16
Telephone: 220567, 242843
Fax: 236388

# Niltaqgħu ma' l-Assistent Kummissarju is-Sur Alfred Abela



Personalità magħrufa fil-qasam sportiv lokalment, kemm direttament kif ukoll indirettament, u li ma għandu bżonn ta' l-ebda ntroduzzjoni ma dawk li b'xi mod jew ieħor huma nvoluti f'xi tip ta' dixxiplina sportiva, huwa l-maħbub Assistent Kummissarju tal-Korp tal- Pulizija, s-Sur Alfred Abela.

Mill-banda l-oħra għall dawk li ma humiex midħla ta' xi atti sportivi, u li jafu biss lill-Assistent Kummissarju s-Sur Alfred Abela, bħala bniedem attiv f'kariga għolja fil-Korp tal-Pulizija, liebes uniformi, żgur li jafuh bħala persuna prattika u ta' qalb tajba, waqt ilqadi ta' dmirijietu, u li wkoll ma jonqosx b'xi tbissima jew b'xi ċajta.

Mingħajr ħafna daq ta' trombi u ta' pubbliċità, s-Sur Alfred Abela jieħu ċertu nteress personali fl-isport lokali, tant illi wkoll, li jinvolvi ruħu direttament, kemm f'dik li hija dixxiplina sportiva kif ukoll li jipprovdi l-mezzi kollha ta' sigurtà offruta lill-atleti, u li joffri sehem tiegħu sabiex l-attivitajiet sportivi jkunu ta' suċċess.

F'dawn l-aħħar snin l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Abela, kellu sehem sħiħ fis-suċċessi ta' l-avveniment li wħud minnhom kienu kbar, li saru fil-qasam taċ-ċiklisti barranin li jgawdu ċerta popolarità f'pajjiżhom.

Fosthom kien hemm il-maratona li ssir madwar Malta, tlilaq tat-""Traiton", Tour ta' Malta kif ukoll li jieħu ċertu nteress personali, matul l-istaġun miftuħ taċ-Ċikliżmu.

Il-ħidma li wettaq fl-isport lokali, tul il-kariga tiegħu dik ta' Supretendent tal- Pulizija u li taħta jaqgħu ċerta responsabiltajiet, kompliet issa, li s-Sur Alfred Abela ġiet f'data f'idu t-tieni l-għola rank fil-Korp tal-Pulizija, dik ta' Assistent Kummissarju.

J'Alla li minkejja x-xogħol kbir li hu mgħobbi bih is-Sur Alfred Abela, ma jtellfu xejn milli jkompli biss sehem tiegħu, sabiex l-isport lokali jkompli miexi b'dak ir-ritmu ta' progress, u sodisfazzjon.

Żgur li kull dilettant sportiv, jawgura aktar ħidma ta' suċċessi, mal-kullana ma dawk li diġà għandu, kemm f'dak li għandhom x'jaqsmu max-xogħol normali tiegħu, kif ukoll f'dawk ta' natura Spotiva.

*Edward Decelis*



CHUBB

*Think Safe*
*Think Chubb*



**For Domestic and Commercial Protection**

**Intruder Alarm Systems**
**Fire Alarms**
**Security Safes**
**Access Control Units**
**Deposit Lockers**
**Data Cabinets**
**Closed Circuit TVs**

PHILIP TOLEDO LIMITED

Notabile Road, Mriehel BKR 01.
Tel: 445566 Fax: 484316
E-mail: info@mail.ptl.com.mt
Visit us at http://www.pti.com.mt

# L-Aħħar Ċena

**Minn R.Vella Gregory Spettur**

Għal dawn l-aħħar snin, fil-Ġimgha Mqaddsa saret tittella wirja fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li tfakkar l-Aħħar Ċena ta' Sidna Gesu' Kristu, jew kif isibuha ħafna, il-Mejda ta' l-Appostli. Forsi għal xi wħud, speċjalment għal dawk li mhumiex midħla tal-attivitajiet reliġjużi li jsiru matul is-sena fid-Depot, din il-wirja tinstema' xi ftit jew wisq stramba. Forsi oħrajn jistgħu jaħsbu wkoll li id-Depot mhux il-post addattat għal attivitajiet bħal dawn.

Biex wieħed jifhem aħjar, tajjeb li jingħad fil-Kappella li għandna fil-Kwartieri Ġenerali, apparti li tiġi ċċelebrata quddiesa kull nhar ta' Ħadd, fil-festi fejn hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies, fil-btajjel pubbliċi u kull l-ewwel Ġimgha tax-xahar, jiġu ċċelebrati b'mod solenni festi ohra li nsibu fil-liturġija. Fost l-oħrajn insibu l-Milied, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgha l-Kbira, l-Għid u l-Festa tas-Salib li tiġi ċċelebrata f'Jum il-Pulizija. Il-Kappella tagħna hija bħal knisja f'parroċċa fejn aħna, li minħabba in-natura tax-xogħol mhux dejjem inkunu nistgħu nattendu fil-parroċċi tagħna, ningħaqdu f'komunità u niessieħbu fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. U din il-komunita' tagħna ħasset li għandha tfakkar l-aħħar ċena ta' Sidna Gesù Kristu, li fiha waqqaf is-sagramenti ta' l-Ewkaristija u s-Saċerdozju.

Il-mejda hija fuq stil Lhudi u fiha insibu diversi platti b'sinifikati u ħsiebijiet diversi. Għal poplu Lhudi, l-Ikla ta' l-Għid kienet it-tifkira ta' meta missirjiethom kienu meħlusa mit-tbatija ta' l-Eġittu. L-ikla kienet issir fi gruppi ta' mhux anqas minn għaxra u kienu jieklu bil-wieqfa u bil-għaġla għax missirjiethom kienu mitluba joħorgu mill-Eġittu malajr u bla telf taż-żmien. Peress li din l-ikla kienet meqjusa bħala ikla qaddisa, allura kienu jinħaslu qabel jibdew jieklu. Insibu illi fl-aħħar ċena Gesù ħasel riġlejn l-Appostli għax meta qagħdu bil-qegħda bdew jitlewmu bejniethom minn kien l-akbar u Gesu' ried jurihom li min hu l-akbar għandu jkun il-qaddej.

Fost l-ikel li jiġi pprezentat fuq il-mejda nsibu il-KARPAS, il-HAROSHET, MARROR, BAJD IEBES, HARUF MIXWI, ĦOBZ AŻŻMU, INBID, u T-TAZZA

*ikompli fuq paġna 30*





BAD BOY
GENERAL CLEANERS LTD.
EST. 1969
24 HOUR SERVICE
- 7 DAYS A WEEK
• Window Cleaning
• Maid Service
• Carpet/Upholstery Cleaning
• After office hours Cleaning
• Floor Scrubbing
• Emergency Cleaning
- Same Day Service
• All other type of cleaning
in Flats, Hotels,
Factories, Schools etc.
For Free estimates:-
FLAT 2, HELENA FLATS,
TRIQ IL-PRINJOLATA, TA'XBIEX MSD 12.
TEL: 339820, 320442. FAX: 320459.
MOBILE: 099 3440 (24 HOUR SERVICE).

# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

## GET TOGETHER F'MALTA U GĦAWEX

Jikteb: Vincent P.Zahra.

Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Ġorġ Grech għoġbu bħas-snin ta' qabel jistieden lill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti u l-Membri tagħha u n-Nisa tagħhom jattendu għal din l-okkażjoni bħala parti mill-Festi tas-Sena Ġdida.

Din saret nhar il-Ħadd 4 ta' Jannar 1998 fid-Depot tal-Pulizija Floriana. Bdejna bil-quddiesa tal-Ħadd fid-9 a.m. fejn qaddes il-Kappillan tal-Korp Fr.Raniero Zammit Kappuċċin, fejn miegħu ħadu parti dawk it-tliet anġli żgħar l-aħwa Cachia u Logan li issa qed narawhom libsin ta' Kappuċċini żgħar. Fl-Omelija P.Raniero tkellem dwar l-Evanġelista Mattew ikompli jurina l-ġrajjiet ta' Kristu fid-dawl tal-profeziji. Fil-Maġi li ġew imsejħa biex jagħrfu lil Kristu, hemm rappreżentati l-ġnus kollha.

Alla jsejjaħ lill-maġi, b'sinjal li huma setgħu jagħarfuh sew, jiġifieri permezz tal-kewba. Il-maġi jwieġbu għas-sejħa u jirċievu d-dawl tal-fidi. Fr.Zammit qal li aħna għanda nsegwu is-sejħit li jkollna mill-Mulej. Huwa qal li qed jieħu pjaċir jara numru hekk sabiħ ta' Penzjonanti u n-nisa tagħhom, ħeġġigħom biex ma jitilfux okkażjonijiet bħal dawn li jiltaqaw ma sħabhom li għamlu żmien twil mill-ħajja tagħhom flimkien wara l-quddiesa l-Kummissarju u s-Sinjura Grech laqgħu lil dawk preżenti fil-Mess ta' Uffiċċjali fejn kien hemm riceviment.

Għawdex il-Get-together sar nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar 98 biex b'hekk il-Kummissarju u l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti jgħalqu l-Festi ta' Sena Ġdida. Din l-okkażjoni bdiet ukoll bil-quddiesa li saret fil-Knisja tal-Agostinjani, fil-Victorja, fejn qaddes Fr.Raniero Żammit Kappillan tal-Korp f'Malta u k-konċelebra miegħu.

Dun Manwel Curmi Kappillan tal-Korp f'Għawdex. Dun Manwel għamel l-Omelija tal-Ħadd fuq il-Magħmudija ta' Ġesù, fejn wara li tgħammed il-Mulej, is-smewwiet infetħu u l-Ispirtu niżel fuqu bħal ħamiema, u leħen il-Missier instema' jgħid: Dan hu Ibni l-għażiż, fih il-għaxqa tiegħi.

Dun Manwel kompla l-messaġġ importanti jinsab fil-leħen mis-sema, indirizzat lil Gesu nnifsu: Inti Ibni l-għażiż. Quddiem kulħadd il-Missier taħ il-missjoni li jwettaq ix-xogħol tiegħu. Dan iwettqu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li niżel fuqu. Hekk aħna wkoll għandna nwettqu l-ħidma tagħna fi ħdan il-Knisja ta' Kristu.

Dun Curmi l-ewwel feraħ lill-Kummissarju u l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għal ħidma tagħhom lejn dawk li taw kontribut kbir lill-Korp u kien wisq xieraq li jgħamlu din il-laqgħa ġo Għawdex b'risq il-pensjonanti Għawdxin li mhux possibli għalihom li jattendu għall-laqgħa bħal din f'Malta, ta' dan żgur li nkun qed nirringrazzjhom għan-numru sabieħ li hawn preżenti flimkien man-Nisa tagħhom. Wara l-quddiesa l-Kummissarju u s-Sinjura Grech laqgħu lil dawk kollha preżenti fis-Sala tal-Agostinjani fejn ġie servut riċeviment li fih ħadu pjaċir dawk kollha li kienu preżenti.

Il-Kunsill tal-Għaqda kien rappreżentat mill-Presient is-Sur Joe Azzopardi, u l-Uffiċċjali tal-Għaqda, li jirringrazzjaw lill-Kunmissarju s-Sur Gorg Grech u s-Sinjura Grech li jieħu nteress kbir f'dawn il-laqgħat, kemm f'Malta u f'Għawdex, lill-W.R.P. Provinċjal Adeodato Schembri li kien preżenti, lill-W.Rev.Pirjol, P.Joe Farrugia, Agostinjani, u lill-W.R.P.Raniero Zammit li dejjem sibniħ ta' għajnuna f'dawn il-laqgħat, u lill-W.R.Dun Manwel Curmi li f'Għawdex dejjem tgħana l-għajnuna meħtiega.



# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

**INTERVISTA MA' CARMELO BUHAGIAR EX. P.S. 464**

**KITBA TA' VINCENT P.ZAHRA - VIĊI-PRESIDENT.**



Ex P.s. Carmelo Buhagiar

Ex-P.S. 464 Carmelo Buhagiar jirrakkonta dak li għadda minnu fil-Cottonera u żmien il-Gwerra.

Rappreżentanza mill-Kunsill tal-Għaqda komposta mill-Viċi-President Vincent P.Zahra, mis-Segretarju għal-Finanzi Louis Vella, u l-Membru Joseph M.Spiteri kellhom laqgħa mall-Ex-P.S.Carmelo Buhagiar, dan beda biex qal li daħal fil-Korp fil-25 ta' Ottobru I930. Hu twieled il-Birgu fit-30 ta' Ottubru 1910, il-bidu tiegħu fil-Korp beda meta billi fl-1929 kien inkiteb biex jidħol fil-Korp, għal hekk kienu jibgħatu għal xi uħud minn dawn meta jkollom bżonn bħala Riserva, dawn l-aktar li kien ikollom bżonnhom kien ikun meta tkun ġejja xi Elezzjoni Ġenerali, kienu jkunu pajżana, biss kienu jilbsu Armlet irrigata bajda u blu fuq il-komma tal-ġlekk fuq ix-xellug. F'dan iż-żmien l-Uffiċċju Ġenerali tal-Pulizija kien fi Triq il-Merkanti l-isfel il-Belt Valletta quddiem fejn għad hemm il-Kamerata. Wara li kienet tgħaddi l-Elezzjoni kienu jibgħatuhom. Fil-25 ta' Ottubru 1930 bagħtu għalih biex jidħol fil-Korp. Kif beda kien għamel perjodu ta' taħriġ ta' drill mill-Maġġur Busuttill, li kien isir taħt id-Depot, tidħol minn Triq Bjar Qodma ħdejn il-Kavallerija għal erbgħa sigħat kuljum. Kienu jgħamlu taħriġ tal-First Aid u Life Saving, l-Maġġur Johnson kien joħodhom jagħmlu taħriġ fil-baħar l-Rinella.

Dwar duty fuq il-beat kienu joħorġu erbgħa sigħat ma Pulizija ieħor Strada Stretta fejn kien ikun hemm numru kbir ta' baħrin u suldati u l-inkwiet meta kienu jkunu xurbana ma kienx jonqos.

Darba waqt li kont qed nghamel id-drill ġie s-Supretendent Leone Enriques u qal lill-Maġġur Busuttil biex jibgħatni stazzjonat il-Birgu fejn kien incharge hu, dan kien fis-sena 1931.

L-Għassa tal-Birgu kienet Couvre Porte fejn kienet ukoll bħala Uffiċċju Prinċipali tal-Lvant.

Bdejt nghamel għassa fuq il-beat li kellna, x-Xatt fejn kien hemm il-Laneċ u d-dgħajjes, l-Pjazza, u l-Għassa mat-Telefon. Strada Brittania kien jgħarma s-Suq fejn kien jbiegħu kollox.

Il-Birgu kien ikun hemm dak li jbexxex it-Toroq, kien jieħu l-ilma minn ħdejn l-Għassa, u minn fuq is-Sur ta' San Giovanni.

Fl-Għassa kelna Kappella li kella pittura tal-Qalb ta' Gesu', dan qalluli jinsab id-Depot, il-Furiana.

F'żmien il-Ġimgħa l-Kbira kienu jgħamlu l-Viżti hemm ukoll għax kien ikun armat, is-Sepulkru.

Kelna wkoll statwa ta' Maria Addolorata, u Kristu mejjet.

Supretendent f'dan iż-żmien kien għadu Leone Enriquez li dam ħafna l-Birgu u kien joqgħod hemm bid-dar.

L-attività ta' xogħol l-aktar kienet ġejja mill-preżenza ta' suldati Ngliżi li kienu stazzjonati fil-Barracks ta' Verdala u kien jinżlu l-Birgu u sintendi baħrin mill-bastimenti li kienu jkunu ankrati fid-daħla tal-Birgu.

Kien hemm ħwienet fuq is-Sur ta' San Ġwann li kienu jaħdmu l-ħbula u ġo l-Foss ukoll.

Strada San Lorenzo ġewwa kien hemm ħwienet tal-Għamara, ħaddiema tas-sena mill-aqwa, ħwienet li jaħdmu l-Kaldaran, xogħol tas-Ramm, bħal borom, ktieli u xogħol ieħor. Kien hemm ukoll Wenzu ta' Żammitellu u s-Sur Ġorġ li kienu jaħdmu l-induratura tad-deheb, xogħol mill-isbaħ.

Is-Sorijiet tal-Karmnu kellhom skola tat-tfal u konna nieħdu ħsieb meta jidħlu u joħorġu.

Meta tidħol il-ġewwa jgħidulu ħdejn l-Aċċjomu kien hemm mastrudaxxi kif diġà għidna ta' l'aqwa fis-sengħa.

Fuq it-Toqba kien hemm il-Fossos biex jaħżnu l-Qamħ. Qabel il-Gwerra barra dak li semmejt li kien iġib l-inkwiet kien hemm iż-żewġ Festi kbar dik ta' San Lawrenz il-Parrocca u dik ta' San Duminku, li minħabba fihom konna nitolbu li jintbagħtu Pulizija minn barra d-Distrett tagħna. Dan l-aktar minħabba li kienu jtellgħu l-San Lawrenz ngħidulha fuq il-Lunzjata, qabel ma d-dur għal fuq is-Sur ta' San Ġwann.

Issa se nitkellmu għaż-żmien meta bdiet tinħass li waslet li tibda t-Tieni Gwerra Dinjija, dan kien iż-żmien ta' 1938 u 1939. Milli jidher l-Awtoritajiet kien qed jaħzbu li din kienet se tkun b'xi attakki mill-Ajru bil-Gass. Dan għax bdew jippreparaw Kmamar fl-Għassa li ġo fihom bdew iwaqfu seratizzi forma ta' kamra u jdawruhom bil-gviret biex il-Gass ma jidħolx.

Bdew jibgħatuna fuq Kordin fejn kien hemm Ċentru għal taħriġ kontra attakki bil-Gass,

Issa bdew jitqasmu l-Maskri, lilna kienu ta' kwalità u tal-Pubbliku kwalità oħra, aktar ħfief, dan għax tas-Servizzi riedu jkunu tajbin biex joħorġu barra bihom filwaqt li l-oħrajn aktarx kienu maħsubin għal ġewwa. Għat-trabi kien li jidħlu fihom b'kollox.

Fl-10 ta' Ġunju 1940 daħlet l-Italja fil-Gwerra u l-għada fis-7 ta'filgħodu ġew jattakkawna f'għoli li bilkemm kienu jidhru, tefaw l-ewwel bombi fuq Kordin, u Bormla fuq il-Mitħna.

Dak inhar kien hemm ċertu Ġorġ minn Ħal-Qormi jbiegħ il-ħaxix Bormla u dan telaq bil-ġirja għall-Għassa tagħna u trid tara liż-żiemel li kellu jiġri warajh sa l-Għassa, kienet konfużjoni kbira. Peress li kif għidt aħna konna l-Uffiċċju Prinċipali tal-Lvant jiena li kont qed nagħmel duty mat-telefon kont nirċievi r-rapport mid-Distrett kollu.

Nista ngħid li l-Gwerra fuq Malta ħadet xejra oħra meta niżlu l-Ġermaniżi fl-Italja, biss konna għadna ma nafux x'se jgħamlu.

Ma damx wisq li ħadna din ir-risposta. Kien il-Ġimgħa bil-lejl meta sirna nafu li kien daħal Malta l-H.M.S. Illustrious, Aircraft Carrier li l-Ġermaniżi waqt li kien għaddej minn

*ikompli fuq paġna 27* →

# Obitwarju


**Ex. Ps 151 F. Bristow**


**Ex. Ps 810 S. Attard**


**Ex. Pc 824 J. Chircop**


**Ex. Pc 237 G. Mintoff**


**Ex. Ps 881 J. Sciberras**


**Ex. Pc 120 J. Sciberras**


**Ex. Pc 31 B. Mifsud**


**Ex. SM 657 E. Farrugia**


**Ex. Pc 524 L. Cardona**


**Ex. Ps 424 P. Montanaro**


**Ex. Ins E. Gravino**


**Ex. Pc 634 G. Saliba**

**GHATIHOM O MULEJ IL-MISTRIEH TA' DEJJEM**


SUPER
5
39
Jirbħu dawk li jaqtgħu
il-5 numri • 4 numri • 3 numri
• Tagħżel 5 numri minn 1 sa 39.
• It-tlugħ tan-numri rebbieħa tas-Super Five jixxandar dirett fuq Television Malta nhar ta' Erbgħa.
• Biljett jiswa 50 ċenteżmu.

ikompli minn paġna 24

# .....INTERVISTA MA' Ex. P.s. 464 Carmelo Buhagiar

ħdejn Pantallerija riedu jagħrquh akkost ta' kollox.

Laqtuh sew u mietu ħafna membri tiegħu fuqu u fejn kien dieħel Parlatorio Wharf minn kmieni filgħaxija kien hemm kwantità ta' Ambulanzi tas-Servizz, u dan tagħna x'nifhmu li dak li ġara kien serju ħafna.

Filgħodu tal-Erbgħa kien sar attakk minn xi żewġ ajruplani biss, dawn kienu Ġermaniżi ta' tkixxif li ġew ifittxu fejn kien dan l-Aircraft Carrier li kienu jafu li ħarbilhom mill-attakki li kienu għamlu fuqu ġranet qabel.

Kien il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941 wara nofsinhar li mewġa wara l-oħra ġew għalih Ajruplani tal-Luftwaffe li bdew attakk fuqu u bdew niżlin aktar baxxi mis-Swar ta' L-Isla u l-Belt.

Laqtuh iva, imma ma kellhomx il-ħila jagħrquh, dan għal Barrage ta' purtiera tan-nar, din żgur kienet li fixklet sew lill-bdoti esperti għal dawn l-attakki ta' din il-kwalità.

Li ma għamlux mill-H.M.S. Illustrious għamlu mill-Cottenera. L-Isla għamlu ħerba shieħa bil-Knisja tal-Bambina b'kollox.

Nistgħu ngħidu li kull minn kien fil-Cottonera twerwer.

Sirna nafu x'ġara permess tal-Arċipriet Dun Pawl Galea li ġie minn l-Għassa kollu trab u qallilna x'ġara, li kien fis-Sagristija tal-Knisja fejn kien hemm ma dwar xi 25 persuna u li hu ħareġ minn hemm u mar jistken fil-kampnar, b'hekk salva, hu qal li meta spiċċa l-attakk sab lil kulħadd mirdum taħt il-ġebel tagħhom l-assuluzzjoni u ġie ħdejna biex qallilna x'ġara u aħna r-raportajna lill-Aworità biex jiġu tal-A.R.P. tad-Demolishion u suldati biex jgħatu l-għajnuna.

Dun Pawl baqa' sejjer il-Lunzjata fejn kien qed jgħammar Dun Anton Caruana l-Viċi tiegħu, l-Patrijiet Dumnikani qallulu li mar San Lawrenz ma Patri Tumas Xerri u Patri Rikard Born u oħrajn.

Dun Anton ittrasporta s-Sagrament il-Lunzjata, u reġa niżel, minn hemm salva tarbija li kienet mirduma. Aħna wkoll inżilna u sibna raġel maqbud fil-ġebel jiena għajjatt lill-Patri Tumas u tah l-assulozzjoni għax ma stajniex naqalawh. L-Arċipriet għamel sal-Hadd il-Lunzjata sa meta waqgħet ukoll u reġa ġie l-Għassa u ġab miegħu s-Sagrament fejn għamlu fil-Kappella tagħna, Numru ta' Patrijiet Dumnikani baqgħu fil-Kunvent.

Sa dan il-ħin waslu tal-A.R.P. u s-Suldati u bdew jaqgħalaw in-nies minn taħt il-ġebel.

Il-blitz tal-Ġermaniżi speċjalment tas-16 ta' Jannar werwer lil kulħadd. Minn dak in-nhar stess in-nies mit-tliet ibliet riedu jitilqu

Issa beda xogħol ieħor, peress li n-nies riedu li jevakwaw minn il-lokalità li kienet ħafna perikoluża.

Kanun Bofor ta' kontra l-Ajruplani li kien fuq is-Sur ta' San Ġwann u li kienu fuqu suldati Ngliżi ġiet bomba diretta fuqu, u miet kulħadd, peress li kienu Nsara qabel ġew għalihom niżżilnihom l-Għassa fejn il-Kappella.

Il-Koppla tal-Lunzjata li kienet għada kemm tlestiet mill-Pittur Battista Conti. Meta kien se jibda x-xogħol kont sejjer Ruma u Patri Humbertus Zampa O.P. talabni nieħu ittra lil dan il-Pittur famuż. Dan kien joqgħod Via Nazionale u meta tgħajtu l-ittra qalli biex jien u sejjer lura Malta ngħaddi għandu biex jgħatini l-kampjuni ta' din il-Koppla li kienu jikkonsistu fil-Mirakli ta'Kristu jiena ġibthom miegħi kienu sbieħ ħafna.

> **Kien il-Ħamis 16 ta' Jannar 1941 wara nofs in-nhar li mewġa wara oħra....ajruplani tal-Luftwaffe...**

Qalli għidlu li se ninżel fi ftit ġranet oħra u nġib lil lavranti tiegħi.

Il-Foss tal-Birgu kien sar qiesu Raħal żgħir peress li kienu qed jabitaw ħafna nies li kien ħafru s-Shelters tagħhom. Il-Gvernatur Ġeneral Dobbie kien ġie jara l-Foss għax ried li jitħafru Shelters Kbar biex ikunu jesgħu ħafna nies li riedu jiqpaw il-Birgu.

Kien ġie ukoll il-Perit Rudolph Mangion biex jieħu ħsieb dak li kien se jiddeċiedi l-Gvernatur.

Dawn saru, kelna f'wieħed kamra għal First Aid, għamilna Altar biex nhar ta' Hadd kien iqaddes l-Arcipriet u kien jiġi wkoll Dun Ġużepp Farruġia tal-11:30 am. Fiħ ġieli twieled xi ħadd għax kellna l-Majjistra Nina minn Bormla u kienet tieħu ħsieb hi.

Fl-ieħor armajna numru ta' Kuċċetti fuq xulxin biex jesgħu ħafna. Għal dawk li ma riedux joqgħodu l-Birgu u Bormala u l-Isla kien ġie Maġġur Ingliż u qalli l-Gvernatur se jipprovdi trakkijiet biex minn irid iġor ikollu biex, għax transport ma kontx issib.

Però qalli peress li ma hemmx ħafna, kull familja tista tuża truck wieħed, u kien hemm is-suldati biex jagħbbu. Imxejna tajjeb ħafna. In-nies bdew immorru r-Rabat, B'Kara, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u postijiet oħra. Ommi niftakar marret l-Imdina.

Sintendi tul taż-żmien il-bombi baqgħu niżlin fuq il-Cottonera.

Jien bqajt il-Birgu sa kemm spiċċat il-Gwerra. Meta daħal il-Convoy ta' Santa Maria is-Swar kien kollha mimlijin nies jgħajtu u jċapċpu.

Issa se naqilbu għal meta spiċċat il-Gwerra. L-Ewwel Gvern Malti kien immexxi mill-Prim Ministru Dr. Paul Boffa u Ministru tar-Rikostruzzjoni kien il-Perit Don.Mintoff li mill-ewwel ħadu ħsieb biex jibdew jibnu dak li waqa'.

Fil-Birgu ħadu ħsieb li jifthu Triq ġo s-Sur ħdejn l-istatwa ta' San Duminku biex ikun aktar dħul tajjeb mill-Bieb iż-żgħir li għadu jeżisti. Din it-Triq issemmiet għal Dr. Paul Boffa.

Fl-1 ta' Mejju 1948 sirt Surġent ma' oħrajn u jien ġejt trasferit għal Raħal il-Ġdid hemm is-Supretendent kien is-Sur Joseph M. Spiteri li llum qed iżurni magħkom.

Hawn għamilt sebgħa snin. F'Ottubru ta' 1955 irtirajt mis-servizz bil-pensjoni wara ħamsa u għoxrin sena fil-Korp. F'dan iż-żmien li kont Raħal il-Ġdid morna noqgħodu hemm ukoll.

Issa bdejt naħdem max-Shell Birżebbugia fejn għamilt sebgħa snin oħra, minn fejn irtirajt bil-pensjoni fis-sena 1962.

Il-mara tiegħi mietet fl-1 ta' Novembru I994, peress li kemm hi u wkoll jiena Terzjarji Dumnikani tal-Lunzjata l-Birgu għamiltilha l-funeral hemm hekk. Naħseb li dak li ftakart għedtulkom, u nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzjakom għal din il-laqgħa magħkom li fiha r-rakkontajt dak li għaddejt minnu fil-Korp l-aktar il-Birgu, u speċjalment fil-Gwerra, tal-1939-1945. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-familjari li jiltaqgħu miegħi u jiġu jżuruni fosthom lill-Perit Charles Buhagiar li għal kemm mogħobbi b'xogħol kbir bħala Ministru xorta baqa' jżurni bħal qabel. Li-t-Tobba u Nurses minn qalbi nirringrazzjhom għal attenzjoni li jgħatuna f'dak li jkollna bżonn, u nselli għal kulħadd speċjalmement lil sħabi li kont naħdem magħhom għal bosta snin.

# ĠABRA TA' APPELLI KRIMINALI

**EVIDENCE - PRODUCTION OF FRESH EVIDENCE**



*It is an established principle that the Prosecution is to produce all its evidence before closing its case and that no fresh evidence can be produced by the Prosecution after that stage except in very exceptional circumstances.*

**The Police vs Leslie Freedman**
17th March. 1977
*Hon. Mr. Justice. Mizzi, LL.D.*

The Court, By judgment of the Criminal Court of Magistrates of Judificial Police for the Island of Malta on the 4th February, 1977, Leslie Freedman was found not guilty and acquitted of the charge of having as Managing Direc-tor of Imperial Products Ltd., Industrial Estate, Marsa, during the last five years on a number of occasions, by several acts committed at different times, constituted violations of the same provisions of the law and committed in pursuance of the same design, sold and disposed of about one thousand five hundred and four (1504) garments manufactured from materials which had been released free of Customs duty under section 7(2) of the Aids to Industries Ordinance, 1959, without paying duty on these articles before their sale or disposal as provided in section 9(2)(b) of the same Ordinance and of having evaded payment of Customs duty thereon in contravention of section 61(c)(h)(i)(k) and (m) of the Customs Ordinance (Chapter 60), the amount of duty involved being three thousand, nine hundred and fifteen maltese pounds, fifty five cents and eight mills (Lm3,915.55,8).

The Attorney General has entered an appeal against the said judgment and is asking that it be revoked, that the case be hears all over again by this Court and that, on the respondent being found guilty, the penalties con-templated by the law be inflicted, the grounds of the appeal being: (a) that the judgement fell (probably) on its face" and consequently null; (b) that the Prosecution was not allowed at the trial to produce, in respect of the charge, some indispensable evidence which was admissable according to law; and (c) that the judgment is based on wrong and incomplete enunciation of the law.

93 In his reply. the respondent has submitted that the judgment is ~-subject to appeal and that consequently the appeal is null and. subordinately. that the judgment is fair and should be confirmed.

After examining the record of proceedings and after hearing the submissions of the Senior Counsel for the Republic and Counsel for the respond-ent, this Court considers:

In regard to the first ground of appeal the Prosecution submits that the judgment of the first Honourable Court is "bad on its face" in that the Aids to Industries Ordinance was ruled out for the purpose of liability on the basis of considerations involving a number of non sequiturs. After pointing out that the respondent had sought the advice of the Comptroller of Customs merely as to whether he should pay the duty involved after instead of prior to a sale, the Prosecution argues that the judgment is "bad on its face" since it asserts that the respondent acted in accordance with what he was told to do and that his periodical statements were accepted for quite some time by the Customs Authority when there is abundant reliable evidence throughout the record that the duty was payable at the time of the sale and that the respondent had not conformed with the directions given him by the said Authority.

Section 425 of the Criminal Code, wherein it is specifically laid down when a judgment of the Court of Judicial Police may be appealed against by the Attorney General, has been constantly and repeatedly interpreted in a long series of decisions i iven s y this Court in the sense that an appeal by the Attorney General does not lie on a question of fact but that, in view of subsection (I)(b)(iv)(i), he may enter an appeal if the said Court, in applying the law to the fact as ascertained by its, makes a wrong or incomplete enun-ciation of the principles of law. in the present case, the Prosecution does not contend that as far, at least, as the offences under the Aids to Industries Ordinance are concerned the first Honourable Court, in applying the law to the fact as ascertained by it, made a wrong or incomplete enunciation of the principles of the law, but is clearly basing its appeal in the first place on the ground that the said Honourable Court failed to evaluate correctly the evi-dence, that is on the ground of a mere question of fact. In the circum-stances, for the Court to extend the application of the above-quoted section 425 of the Criminal Code so as to cover the case under consideration would be tantamount to assuming an appellate jurisdiction which has not been given to it by the law.

The second ground of appeal is based on the contention that the Prose-cution was not allowed at the trial to produce, in support of the charge, some indispensable evidence which was admissable according to law and consequently is entitled to appeal against the judgmcnt in terms of section 425(1)(b)(vi) of the Criminal Code. It is submitted that the first Honourable Court relied on the oral evidence of the respondent without any corroboration whatsoever and refused to hear the witnesses by the Prosecution who were indispensable in order to enable it to control the testimony of the respondent in the interests of justice on the basis

**continued on page 31** ➠

# L-Aħħar Ċena

← *ikompli minn paġna 21*

TA' ELIJA.

Il-KARPAS hija magħmula minn tursin u ravanell (għeruq jaħraq) miblul fl-ilma mielaħ jew meraq tal-lumi jew ħall. Il-ħruq tar-ravanell ifakkarna fit-tbatija taħt l-Egizzjani filwaqt li t-tursin, peress li hu ftit ħelu, itaffi xi ftit minn din it-tbatija. Hawn naraw ħsieb għaddej, dak ta' tbatija u tama. L-ilma mielaħ iffakkar fid-dmugħ u l-biki li bkew taħt l-Eġġizzjani. Il-HAROSHET hija magħmula minn tuffieħ, lewż, tamal u kannella u dawn kienu jisinifikaw it-tajn li bih kienu jagħmlu il-madum. Fuq il-mejda nsibu żewġ bwieqi b'din iz-zalza biex ifakkru fiż-żewġ bliet li l-Lhud bnew għal Faraghun, Pitom u Ramses. Il-MARROR jikkonsisti f'ħaxix morr bħal indivja li għal darb'oħra iffakkarna fit-tbatija. Il-BAJD IEBES jissimbolizza il-qalb iebsa tal-Faraghun. Dan kien ikun mixwi u mċappap fl-ilma mielaħ u kien jittiekel qabel l-ikla prinċipali. Il-melħ f'dan il-platt ifisser il-baħar mielaħ li kellhom jaqsmu waqt il-ħarba mill-Eġittu, il-baħar tal-Qasab ( id-Dead Sea).

Kien bid-demm tal-ħaruf imċappas mal-għetiebi tal-bibien li l-Lhud ħelsu mill-anġlu qerriedi. Għalhekk f'din l-Ikla nsibu l-ĦARUF MIXWI. Kien jittiekel u mixwi għaliex minħabba l-għaġġla li kellhom biex jaħarbu mill-Eġittu ma kellhomx ċans isajruh. Il-ĦOBŻ AŻŻMU, jiġifieri bla ħmira hu l-ħobż tad-deżert. Il-ħobż tat-tbatija. Kien ikun hemm tlett ħobżiet imsejħa MAZZOT. Kull waħda minn dawn il-ħobżiet għandha isem: KOHEN, LEVI u ISRAEL. Tan-nofs tinqasam fi tnejn, nofs jinħeba biex jitħalla għall-aħħar jittiekel bħala deżerta u n-nofs l-ieħor jinqasam bejniethom. Iż-żewġ ħobżiet l-oħra jittieklu bil-ħaxix morr, bħal speċi ta' sandwich u miblul fil-Haroseth. Kienu wkoll jixorbu erba' tazzi NBID għax fl-Eżodu hemm erba'espressjonijiet ta' kif Alla ħelishom minn taħt idejn l-Eġizziani:"Jiena noħroġkom", "Jiena neħliskom", " Jiena nifdikom" u " Jiena niġbidkom lejja".



Huwa nterresanti l-fatt illi qabel iħallu l-mejda kienu jferrgħu tazza nbid u ma jixorbuhix. Din it-Tazza li tissejjaħ it-Tazza ta' Elija kienet tkun fit-tarf tal-mejda. Il-Lhud jemmnu li Elija, għad irid jerġa jiġi qabel il-Messija u hekk kien ikun il-mistieden speċjali għal din l-ikla. Insibu wkoll ir-RUMMIENA li għal Lhud hija frotta qaddisa. Hija frotta tal-fertilità u hi barka ta' Alla li jżejjen familja b'ħafna wlied.

Fil-kamra fejn kienet issir l-ikla insibu wkoll il-MENORAĦ, kandelabru b'seba msiebaħ li tfisser il-preżenza ta' Alla. In-numru seba' hu numru perfett u Alla hu perfett u d-dawl ta' l-imsiebaħ iffakkarna li Alla hu d-dawl tagħna.

Sabiex ikomplu jsebbħu din il-Mejda insibu sett ta' statwi li jirrapreżentaw lil Kristu u t-tnax il-Appostlu. Għalkemm żgħar fid-daqs, dawn l-istatwi huma kbar f'dik li hija arti. Maħdumin b'reqqa u dettal liema bħalhom minn PC 852 P. Bugeja, dawn istatwi jgħamlu unur mhux biss lil min ħadimhom imma lill-Korp kollu. Xogħol ieħor ta' arti u ta' attrazzjoni kbira għal kull min iżur din il-wirja huma l-platti tal-melħ. Ix-xeni mill-passjoni u simboli marbutin ma din il-ġrajja qaddisa mgħamulin minn melħ u ikkulurit huma wkoll xogħol ta' membri tal-Korp, u cioe' PS 538 M. Ebejer u PC 852 P. Bugeja. Meta wieħed jara dan ix-xogħol isibha diffiċli li jemmen li huwa magħmul mill-melħ u ssib min idaħħal subgħajh biex jiwerifika bil-konsegwenza li jgħamel ħsara irreparabbli. Dawn il-platti jirrikjedu paċenzja, ħila u dedikazzjoni kbira.

Nixtieq nirringrazzja lil Kummissarju tal-Pulizija talli mhux biss jgħatina l-approvazzjoni tiegħu biex tittella din il-wirja iżda wkoll għall-enkoraġġiment li dejjem tana. Nirringrazzja wkoll lill-Kappillan tal-Korp, Patri Raniero Zammit għal għajnuna u s-support morali u lil Patri Pawlin Cremona għal pariri u assistenza tiegħu. Grazzi wkoll għal dawk kollha li b'mod jew ieħor jgħinu biex din l-attività tkun suċċess mhux biss materjalment iżda wkoll spiritwalment.

Nappella lil kulħadd biex isib ħin ħalli jżur il-Mejda li mhux biss hija traddizzjoni imma hija wkoll tifkira ta' l-aħħar ċena ta' Gesù qabel ma bata. Kien f'din l-ikla li Gesù waqqaf is-sagrament ta' l-Ewkaristija biex din tkun l-ikla tagħna fid-deżert ta' ħajjitna. Kien dak in-nhar ukoll li Kristu għamel diskors ta' mħabba u għaqda. Għalhekk meta nżuru din il-wirja ma niftakrux biss f'Gesù Ewkaristija imma fil-messaġġ li ħallilna Hu dak il-lejl, li nkunu mgħaqudin u nħobbu l-xulxin.

continued from page 29

# ....ĠABRA TA' APPELLI KRIMINALI

of the Best Evidence Rule.

Now, the first Honourable Court was undoubtedly entitled according to law to accept respondent's testimony even without any corroboration for although in terms of subsection (I) of section 634 of the Criminal Court "care must be taken to produce the fullest and most satisfactory proof available, and not to omit the production of any important witness" (a duty which is clearly incumbent, in criminal cases, on the Prosecution and not on the Court, unless it be a Court of Criminal Inquiry), subsection (2) of that section provides that "Nevertheless, in all cases the testimony of one wit-ness if believed by those who have to judge the fact shall be sufficient to constitute proof thereof in as full and ample manner as if the fact had been proved by two or more witnesses". What is pertinent to the point at issue, however, is whether the witnesses offered by the Prosecution should or should not have been disallowed, depending on the nature of the evidence required of them and their admissibility or otherwise according to law.

It is relevant to premise that on the 5th March, 1975, the Prosecution formally declared that it had no further evidence to produce, whereupon the respondent asked that he be acquited on the basis that the Prosecution had failed to produce the best evidence in support of the charges brought against him (p. 26). On the 14th March, 1975, the Prosecution requested to be allowed to produce further witnesses - a request which was opposed by the respondent but which the Court, by a decree given on the 16th May, 1975, granted after considering, inter alia, that the defence could suffer no prejudice at that stage since it had not yet produced its evidence and that it felt that it should allow the Prosecution to produce further witnesses in the supreme interests of the administration of justice (p. 37). On that same day, after calling three further witnesses, the Prosecution again declared that it had no further evidence to produce (p. 39). On the 15th September and 22nd October, 1975, after the respondent had taken the stand and whilst he was still being cross-examined, the Prosecution requested the Court to authorize the production of seventeen fresh witnesses, alleging that it could not have anticipated the explanations given by the respondent anent certain exhibits (pp. 80-83 and 87-90). These requests, which the respondent again opposed, were rejected by the Court by two separate decrees dated 29th October, 1975 (pp. 85-86 and p. 88T).



In disallowing the production by the Prosecution of these fresh witnesses, the first Honourable Court held:

(I) that it is an established principle that the Prosecution is to produce all its evidence before closing its case and that no fresh evidence can be pro-duced by the Prosecution after that stage except in very exceptional circum-stances; and

(2) that the witnesses in question were known to the Prosecution before it had closed its case and their importance could not be considered as arising ex improviso which no human ingenuity could foresee.

According to section 387(c) with reference to section 386(i) of the Criminal Code, in proceedings instituted by the Executive Police before the Court of Judicial Police as a Court of Criminal Judicature, the defendant or his Advocate or Legal Procurator shall submit his defence and shall produce his evidence after the Executive Police has stated the facts con-stituting the offence and produced its evidence. If the Executive Police replies, the defendant or his Advocate or Legal Procurator is entitled to a rejoinder. The "order of the proceedings" (in the original Italian version, "ordine della discussione") may only be varied by the Court on good grounds. A similar principle, enshrined in section 475 of the Criminal Code, applies in regard to proceedings before the Criminal Court. Consequently, there can be no doubt that the first Honourable Court is correct in holding that, as a general rule, the Prosecution is not allowed to produce fresh wit-nesses after it has closed its case and that it is in very exceptional cases that such witnesses may be allowed at a later stage.

This Court, after examining in detail the relevant parts of the record of proceedings, is satisfied that the first Honourable Court is also correct in holding that the witnesses in question were known to the Prosecution and that no great ingenuity was required on the part of the Prosecution to fore-see their eventual importance. Consequently, however important or indeed indispensable these witnesses could turn out to be in support of the charges proffered against the respondent (there is no available evidence in this res-pect except in regard to two witnesses in Suwa, Fiji, which learned Counsel for the Republic declared during his oral submissions that he would not now be needing any longer), the first Honourable Court was fully justified in considering them inadmissible according to law and in disallowing the request for their production by the Prosecution in the particular stage of the proceedings when they were offered in evidence.

In regard to its last ground of appeal, the Prosecution contends that there is a wrong and incomplete enunciation of a vital principle of law in the judgment appealed against concerning the requirements of mens rea of the accused beyond reasonable doubt, but it should not be ignored that, accord-ing to section 73 of the said Ordinance, in any prosecution regarding the payment of customs duties, the proof that payment of such duties has been effected is on the defendant.


Knorr
The brand of
Swiss
quality
Knorr The brand of Swiss quality
Instant Clear Chicken Broth
Quality controlled by KNORR Switzerland
Exclusive distributor
in Malta and Gozo:
Vadala Co. Ltd., Valletta.
Tel: 449592, 449266

# Terrorism

by P.c.720
PAUL BONNICI
stationed at S.A.G.

Together with sabotage terrorism is one of the primary weapons of the revolutionary. There are dozens of terrorist groups throughout the world, with many being highly trained and will equipped. However they have one thing in common, they are committed to the use of violence in the furtherance of their aims. Terrorist can attack by using bomb or bullet take hostages, hijack aircraft and commiting acts of arson and extortion.

It was the massacre of the 11 Israeli Olympic athletes by the eight terrorists members from the PLO BLACK SEPTEMBER at Munich in 1972 that was the spur to development of special military or police hostage rescue units Organisations throughout the world and many of them are interconnected. In addition, several countries provide havens, financial backing for over 40 terroristions for example: Irish Republican Army (I.R.A.) , Basque Separatists (E.T.A) , Germany Red Army and the Italy's Red Brigades. Many of this terrorist groups receive and use weapons and equipment from Soviet Union, China, North Korea, Vietnam, Iran, and Cuba as well as several Arab states: Algeria, Libya, Egypt, Yemen, South Arabia, Iraq, Syria and Jordan.

On 5 September 1972 eight terrorists of Black September shot their way into the apartments occupied by the Israeli Olympic athletes, two athletes were killed and nine other were held hostages. The Black September demanding the release of Arab prisoners from the Israeli jails.

At 21.30PM the terrorists and hostages left the apartments by helicopter, landing at Fürstenfelctbruck airport. The deal they made with the West German Government was to be flow to Cairo or Tripoli with the hostages in a Lufthansa Boeing 737. But the West German police opened fire. They killed five of the terrorist, but not before they'd killed all their hostages. At that time there were no hostage rescue units or any hostage rescue tactics. In an effort to defeat international terrorism many Western governments have formed wanter terrorist units such as the British S.A.S, France's GIGN, West Germany's GSG-9, and before long had proved themselves highly effective.

CODENAME "PAGODA"

Pagoda is the codename of the S.A.S involved in ending the Iranian Embassy siege in 5 May 1980, was testimony of the wing (S.A.S) hostage rescue tactics. Although the Counter Revolutionary Warfare (C.R.W) using at Hereford was officially firmed in 1973 when the S.A.S formally adopted the hostage rescuing training role in response of the Killing of 11 Israeli athletes at the 1972 Olympic Games of Munich, by the Palestinian group " Black September".

On 30 April 1980 the Iranian Embassy in London was siege by six terrorists armed with three 9mm automatic pistols, one 0.38 in revolver and some hand grenades, it was 11:30 hours. Since Wednesday 29 people in the Embassy had been held hostage by masked gunmen at the time of the takeover (4 British and 22 Iranian, 3 of the latter escaping in the first few minutes).

At 12:00 hours the masked gunmen demanded the release of 91 political prisoners held in Iran by the fanatical Ayatollah Khimeini's regime and set a deadline (12:00 hours, 1May)

The police stood by the usual rules of engagement in hostage situations which state that the military action may not be taken but once hijackers lose patience with the negotiation team and start killing hostages, then the assault team must be ready to move.

The terrorists found themselves involved in continuous contact with the police, discussing the release of the sick hostages, postponement of deadline and passing messages to and from third parties. This was all part of a recognized police gambit to establish and maintain contact, to set up relationships between the negotiating team and terrorists, and to begin the long process of wearing the terrorists down.

By the third day there had been numerous contacts and the terrorists agreed to release two hostages in return for a radio broadcast giving a statement of their aims. The seige continued through days 4 and 5, but on the day 6 , 5th May 1980, at 13:30 hours Ablas Lavosani one of the prisoners had managed to get to a telephone but the terrorist shot him out then the second shot was heard, then a body was dumped outside the embassy front door at 17:00 hours. The second hostage had been killed and the decision was taken by Sir David Mc Nee Commissioner of police in charge of the negotiations to send the S.A.S. but the body was that of the Ablas Lavosani, but no one of the outside would have known that at the time. In fact the fire had been a bluff.

The S.A.S plane had been me-

**continued on page 37** ➟

# Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D. 1887-1954

Proċess ieħor presjedut minn Sir George Borg flimkien ma' l-Imħallfin Dr. William Harding u Dr. Antoine Montanaro Gauci kien dak tal-Kaptan Eric Strologo li kien mixli minn Dr. Joseph H. Reynaud, Avukat Anzjan tal-Kuruna b'arrest illegali u maltrattament ta' tifel Malti Benjamin Caruana ta' sitt snin.

Minn xhieda mressqa matul il-proċess, irriżulta li l-Kaptan Strologo, fl-14 ta' Lulju, 1943, sab lit-tifel fuq truck tal-militar fl-Imdina. Wara li hataf lit-tifel u tah daqqiet b'idejh u b'saqajr, hadu fil-"guardroom" f'Ta' Qali fejn żammu arrestat għal tlett sigħat. Sadanittant, l-Ispettur Alfred Bencini li kien qiegħed jinvestiga dan il-każ, u wara mexxa l-Prosekuzzjoni fil-proċess, wissa u ta' ordni lil Strologo biex jikkunsinna t-tifel f'idejn il-Pulizija Civili.

L-Avukat Difensur Dr. Joseph Flores f'isem l-akkużat sostna li d-"Defence Regulations" ta' dak iż-żmien kienu jagħtu l-jedd lill-uffiċjali militari biex j arrestaw lil dawk li jkunu waqgħu taht suspett.

Iżda l-Qorti, fil-31 ta' Lulju, 1943, sabet lil Kaptan Strologo ħati ta' arrest illegali ta' l-imsemmi Benjamin Caruana, aggravat b'feriti ħfief fuq il-persuna tat-tifel u għaldaqstant, ikkundannatu għall-piena ta' tlettax-il-xahar ħabs b'xogħol iebes.

Il-Kaptan Strologo appella minn din is-sentenza fil-Kumitat Ġuridiku tal-"Privy Council" fl-Ingilterra minfejn huwa rnexxielu jikseb il-ħelsien tiegħu. Il-"Warrant" għal ħelsien ta' Strologo mill-ħabs kien ġie ffirmat mill-Gvernatur Lord Gort fis-26 ta' Settembru, 1943.

Fil-25 ta' Lulju, 1944, il-Qorti Kriminali magħmula minn SIR GEORGE BORG bħala President u l-Imħallfin Dr. Luigi Camilleri u Dr. William Harding tat sentenza tal-mewt lil Vittorja Micallef, imwielda l-Ħamrun, omm mhux miżżewwġa ta' dsatax-il-sena. Din kienet akkużata li bejn it-28 u 29 ta' Mejju, 1944, welldet tarbija, tifla, u qatlitha wara li kienet ikkaġunatilha feriti gravi f'rasha. SIR GEORGE BORG bħala Prim Imħallef, kien ressaq talba għal klemenza u fil-fatt din is-sentenza tal-




mewt ġiet mibdula f'waħda ta' piena ta' habs għal għomorha b'xogħol iebes permezz ta' "Warrant" maħruġ u ffirmat mill-Uffiċjal li jamministra l-Gvem fil-20 ta' Awissu, 1944.

Fis-17 ta' Gunju, 1944, il-Qorti Kriminali reġgħet lura fil-Belt Valletta meta parti mill-bini ta' l-"Auberge d'Italie" fi Triq il-Merkanti, l-Belt Valletta ġiet addattata biex tintuża bħala Qorti kriminali fejn kellhom ikomplu jsiru l-ġurijiet u laqgħat oħrajn li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

Fil-5 ta' Diċembru, 1944, fil-Qorti Kriminali magħmula mis-Sinjorija Tiegħu SIR GEORGE BORG bħala President u l-Imħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding, intemm il-ġuri ta' Carmelo Hili, suldat territorjali fl-"R.M.A.", ta' wiehed u għoxrin sena, imwieled il-Marsa. Dan kien ġie akkużat b'omiċidju volontarju mill-Prosekutur Pubbliku Dr. Joseph H. Reynaud, Avukat Anzjan tal-Kuruna. Il-każ kien seħħ fid-9 ta' Lulju, 1944 meta Hili spara azzarin ikkargat fil-kamp militari fejn kien stazzjonat, il-balla laqtet lill-Kapural George Mercieca, ippenetrat ġismu u fl-istess ħin, wara li laqtet mal-ħajt, il-balla reġgħet lura u feriet lis-Surġent Anthony Falzon. Kemm Mercieca kif ukoll Falzon ġew feruti mortalment u t-tnejn mietu ftit tal-ħin wara li twettaq id-delitt.

Il-ġurati bil-verdett ta' seba' voti kontra tnejn, sabu lill-akkużat ħati ta' omiċidju aċċidentali, iżda dan il-verdett ma ġiex aċċettat mill-Qorti peress li htija bħal din ma kienitx kontemplata mill-liġijiet kriminali.

Wara li rċevew direzzjonijiet ġodda fuq dan il-punt legali mill-Prim Imhallef SIR GEORGE BORG, il-ġurati reġgħu daħlu jiddeliberaw u wara, ħarġu b'verdett ta' seba' voti kontra tnejn li l-akkużat ma kienx ħati skond l-Att ta' l-Akkuża.

Fuq dan il-verdett, il-Qorti lliberat lil Carmelo Hili.

Fit-3 ta' Ottubru, 1945, quddiem il-Qorti Kriminali magħmula mis-Sinjorija Tiegħu SIR GEORGE BORG bħala President u mis-Sinjorija Tagħhom l-Onorabbli Mħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding, tressqu għall-ġuri John Connell ta' 57 sena, imwieled Bormla; Joseph Connell ta' 33 sena, imwieled Bormla; u Edward Burnell ta' 55 sena, imwieled Ħaż-Żabbar.

L-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża kien jgħid illi bejn l-10 u l-11 ta' Settembru, 1944, John Connell u Edward Burnell, bil-lejl, ħadu lil Karmena Connell, mart il-kuntistabbli Joseph Connell, f'Golf it-Tafal ħdejn il-fortizza ta' San Anard, limiti ta' Ħaż-Żabbar, bl-iskuża li żewġha Joseph Connell kellu jasal hemmhekk b'dgħajsa li jkun fiha kaxxa deheb misruqa u jagħtihielha. Waqt li kienu hemmhekk, imbuttawha minn fuq ix-xifer ta' blata għal isfel, għoli ta' 49 pied, u kkaġunawlha bosta feriti gravi li b'konsegwenza tagħhom, Karmena Connell mietet fil-post. Talli mbuttawha, Joseph Connell wegħdhom £60.

Għaldaqstant, il-Prosekutur Pubbliku l-Professur Anthony J. Mamo akkuża lill-imsemmijin John Connell u Edward Burnell bħala ħatjin ta' omiċidju voluntarju u talab li t-tnejn ikunu kkundannati għall-piena tal-mewt.

Fit-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-kuntistabbli Connell ġie mixli li bejn l-1 u t-3 ta' Settembru, 1944, f'Birżebbuġia, ftiehem maż-żewġ akkużati l-oħra John

*ikompli f'paġna 26*

➟ *ikompli minn paġna 34*

Connell u Edward Burnell biex huma joqtlu lil martu Karmena billi jeħduha bil-lejl f'Golf it-Tafal bl-iskuża diġa' msemmija u waqt li jkunu hemmhekk, jitfgħu lil Karmena għal isfel.

B'dan l-għemil tiegħu, Joseph Connell sar ħati ta' kompliċità fid-delitt ta' omiċidju voluntarju, billi qabbad, wiegħed rigali u għamel biex isseħħ il-fehma tiegħu biex isir delitt. Għaldaqstant, il-Prosekutur Pubbliku talab li Joseph Connell jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt.

Meta t-tlett akkużati kienu dehru għall-ewwel darba quddiem il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 1945, l-Avukati Difensuri tagħhom, l-Avukat Joseph Salomone Reynaud għal John Connell, l-Avukat Giovanni Filiberto Gouder għal Edward Burnell u l-Avukat Joseph Flores għal Joseph Connell, kienu qajmu l-eċċ ezzjoni tad-demenza fis-sens li huma kienu morda b'rashom u għaldaqstant m'humiex f'sensihom. Fuq din it-talba, il-Qorti ħatret lill-Professuri Hyzler u Vassallo flimkien mat-Tabib Paris bħala periti mediċi biex, wara li jkunu eżaminaw lit-tlett mixlija fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, huma jippreżentaw ir-rapport tal-konklużjonijiet tagħhom. Fir-rapport tagħhom, il-Periti mediċi stqarrew li t-tlett akkużati kienu fil-fatt f'sensihom .

Wara sitt ijiem ta' smigħ ta' xhieda tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara l-indirizz tal-President, il-ġurati ħarġu bil-verdett tagħhom li bih sabu lil John Connell unanimament ħati ta' kompliċità fid-delitt; lil Edward Burnell, il-ġurati unanimament iddikjarawh ħati skond l-Att ta' l-Akkuża, iġifieri ħati tat-twettiq tad-delitt. Iżda l-ġurati unanimament irrikkmandawh għall-ħniena tal-Qorti minħabba s-"suġġestjonabilità sporadika" tiegħu. Dan kien ifisser li għalkemm Edward Burnell ma kienx dementi, iżda huwa kien ta' karattru dgħajjef.

Fil-każ ta' Joseph Connell, il-ġurati unanimament iddikjarawh ħati skond l-Att ta' l-Akkuża, iġifieri ta' kompliċita fid-delitt.

Fuq dan il-verdett, il-Qorti kkundannat lil John Connell, lil Edward Burnell u lil Joseph Connell għall-piena tal-mewt. Fil-każ ta' Edward Burnell, il-President SIR GEORGE BORG stqarr li r-rakkomandazzjoni għall-ħniena tal-Qorti ma setgħetx tittieħed in-konsiderazzjoni peress li ma kienx hemm latitudni biżżejjed fil-pieni kontemplati fil-liġi, iżda din ir-rakkomandazzjoni kellha tiġi komunikata lill-Kap tal-Gvern jekk ikun il-każ. Eventwalment, is-sentenza tal-mewt fir-rigward ta' Joseph Connell kienet ġiet imħassra wara li l-appell tiegħu mressaq fil-Kumitat buridiku tal-"Privy Council" fl-Ingilterra, ġie milqugħ, u għaldaqstant, b' "Warrant" iffirmat mill-Gvernatur Douglas fit-8 ta' Marzu, 1947, l-imsemmi Joseph Connell ġie meħlus mill-habs u lliberat.

Fir-rigward ta' John Connell u Edward Burnell, permezz ta' "Warrant" if firmat fl- 1 ta' Lulju,1947 mill-Gvernatur



Douglas, is-sentenza tal-mewt tagħhom ġiet mibdula f'waħda ta' habs għal għomorhom .

Fit-28 ta' Gunju, 1946, quddiem il-Qorti Kriminali magħmula minn GEORGE BORG bħala President u l-Imħallfin il-Professur Edgar Ganado u Dr. William Harding, Calep Josiah Aflalo ta' 32 sena, imwieled f'Kingston, Jamaica, ġie mixli mill-Prosekutur Pubbliku l-Professur Anthony J. Mamo, illi nhar it- 18 ta' Jannar, 1945, fil-port ta' Bari, l-Italja, fejn kien hemm ankrat il-vapur Ingliż "Fort Grouard", irreġistrat f'Londra, il-mixli, li kien impjegat bħala "fireman" fuq dan il-vapur, bl-intenzjoni u bil-ħsieb li joqtol lil Eugene Flowers, tah daqqa ta' stallett f'sidru u għamillu ferita gravi li b'konsegwenza tagħha, Eugene Flowers miet dak in-nhar stess. Fuq dan l-għemil, Aflalo ġie mixli bi qtil u għaldaqstant, il-Prosekutur Pubbliku talab li huwa jigi kkundannat għall-piena tal-mewt.

Peress li f'dik il-ħabta, Bari kienet okkupata mill-Forzi Armati ta' l-Alleati, u peress li d-delitt ġie mwettaq fuq bastiment Ingliż, il-Qorti Civili Maltija kellha l-gurisdizzjoni meħtieġa biex tipproċessa dan id-delitt.

Meta xhur qabel, il-mixli kien tressaq quddiem il-Qorti għall-ewwel darba, l-Avukat Joseph Flores li dak in-nhar kien qiegħed jiddefendi lill-akkużat, kien qajjem l-eċċezzjoni tad-demenza, iżda fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 1946, wara li kien ġie ppreżentat ir-rapport tal-periti mediċi li kienu ġew maħturin mill-Qorti biex jistħarrġu l-istat mentali tal-mixli, l-Avukat Giovanni Filiberto Gouder li kien assuma d-difiża minflok l-Avukat Flores, stqarr li ried jirtira l-eċċezzjoni tad-demenza.

F'dan il-proċess, il-gurati kienu semgħu x-xhieda kollha tinqara fil-Qorti minħabba li kollha kemm huma kienu diġa' siefru qabel ma beda l-proċess. Iżda l-Qorti kienet qabel tat il-fakoltà lill-Avukat Difensur biex jagħmel il-kontro-eżami lix-xhieda qabel ma dawn telqu minn Malta kif fil-fatt sar.

Fil-verdett tagħhom, il-ġurati kienu ddikjaraw unanimament lill-mixli mhux ħati skond l-Att ta' l-Akkuża iżda unanimament ħati ta' "manslaughter" volontarju ta' Eugene Flowers skond il-Liġi Ngliża. Fuq dan il-verdett, Aflalo ġie kkundannat għall-piena ta' għaxar snin ħabs b'xogħol iebes.

Fit-28 ta' Jannar, 1947, quddiem il-Qorti Kriminali magħmula minn SIR GEORGE BORG bħala President u mill-Imħallfin il-Professur Edgar Ganado u William Harding, ġie mressaq Wenzu Farrugia ta' 38 sena, imwieled Sannat, Għawdex u ġie mixli mill-Prosekutur Pubbliku Dr. Joseph Reynaud li fil-5 ta' Mejju, 1946, f'tas-Sliema, dolożament u bil-ħsieb li joqtol lil Marija Camilleri omm il-mara tiegħu, jew li jqegħdilha ħajjitha f'periklu ċar, ta' għadd ta' daqqiet ta' sikkina li bihom għamlilha feriti gravi f'għonqha li b'effett tagħhom, hija mietet fuq il-post ftit minuti wara li ġarrbet dawn il-feriti. Fuq dan l-għemil, l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna akkuża lil Wenzu Farrugia bħala ħati ta' omiċidju voluntarju u talab li huwa jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt.

Barra minn hekk, Wenzu Farrugia ġie akkużat ukoll b'attentat ta' omiċidju voluntarju fuq martu Karmela Farrugia li għalih..

**.....IKOMPLI FIL-ĦARĠA LI JMISS**







*Precast Concrete and Civil Engineering Works*

- BUILDING AND PAVING BLOCKS
- PRESTRESSED ROOF SLABS
- PRECAST CONCRETE BEAMS & COLUMNS
- T-BEAM & BLOCK FLOORS
- READY MIXED CONCRETE
- EXCAVATION EQUIPMENT
- PILING WORKS
- TRENCHING WORKS

**BALLUT BLOCKS LTD.**

*Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar.*
*Tel: (356) 573093, 572666 Fax: (356) 575562.*



PULVICH EXPLOSIVES INDUSTRIES

**Suppliers of Mining Explosives and accessories Propelant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PILVICH EXPLOSIVES**
**Ind. Ltd.**
**Sta Barbara Works**
**L'Hfar Dingli**
**459821/459622**

# Terrorism

continued from page 33

ticulously rehearsed. The S.A.S assault took place just 25 minutes later, using 12 men, in the usual S.A.S four-man team. The members of the assault were dressed from head to foot in black flame-retardant suit, black body armour and S07 gasmasks. They were armed with a variety of weapons, including Heckler and Kock MP 5 submachine gun as a primary weapon. Tear Gas was used together with "STUN" grenades, while the explosion of the shaped charged added to the noise and confusion..

The S.A.S plan was to blow in the first-floor armoured plate window at the front of the building using frame chages, with a four man team crossing from an-adjoining balcony to enter the Embassy. Two 4 men teams would also rapidly absail down from the roof at the rear to the first and second floor windows, and also blow up the back door using a shot gun. The front window would be blown in first as signal to absail teams to begin their assault and as a means to distract the terrorist from the hostages.

At 17:30 hours on that warm early summer evening the S.A.S went into action. As the first pair of troopers reached the balcony at the front, a second pair absailed down to the first floor balcony at the rear, then came a hitch. One of the men in the third pair got his rope snagged. This means that the troops below him could not use their frame charge without injuring him, so they had to simply kick the window using the sledgehammer, hurrying their 'flash bangs' which cause discorientation but do not generally otherwise harm. As the second pair of troopers swarming in through the first floor windows at rear. The terrorist leader 'Oan' who had been temporarily distracted by a carefully timed telephone call, ran to the landing and raised his automatic pistol (9mm Model 63 Machine pistol ). Trevor Lock a police Constable of the Diplomatic Protection Group who was among the hostages, flung himself at the gunman, distracting his aim until an S.A.S trooper shot him.

On the second floor 15 male hostage and one terrorist was guarding the hostages, but when the S.A.S had blow the armoured plate window using the frame charges two more terrorists ran in and began shooting at them. In the gunfire one Iranian official was killed and two more wounded, then the three terrorist throw down their guns and attempted to mingle with the hostages.

But the three terrorists were shot by S.A.S. Only one of the six terrorists, who had been guarding the women at the back of the building, was allowed to surrender. The whole operation had taken 11 minutes with 5 terrorists shot dead.

## Naħliflek li ma xrobtx Ma.

Ma, dejjem għedli biex ma nixrobx meta inkun ser insuq, u dejjem smajt minnek. Illum mort party u lilek ġibt quddiem wiċċi. Kull meta ħarist lejn ix - xorb rajt lilek, u smajtek tgħidi "Ara tmissu dak, ftakar li trid issuq." Imma bħalissa ninsab wiċċi l-fuq ma l-art Ma, qiegħed nara ħafna minn dawk li kienu fil-party iħarsu l-isfel lejja. Uħud għandhom ħarsa ċassa, imbelħa u oħrajn iħarsu lejja bid-dmuħ f'għajnejhom. Hawn ħafna demm ma dwari. Dan tiegħi dan id-demm Ma!. Inħoss rasi qiegħda iddur bija. Uħud qed isejħu Qassis. Hawn xi ħadd qiegħed jitbaxxa ħdejja. Naħseb li dan tabib. Nixtieq inkellmu u ngħidlu li ma xrobtx. Nixtiequ jġibek ħdejja Ma, ħalli ngħidlek, nispjegalek li smajt minnek u ma xrobtx. Qiegħed ikemmex xoftejh u jxejjer rasu. "Tilef wisq demm ."qal lil ta'madwaru "Ġibulu qassis bla telf ta' żmien". Imma għaliex jien?

Jien ma xrobtx, smajt minnek Ma, dak kien araħ, dak il-ġuvnott! Rajtu fl-istess party, Iva, hemm kien. Kulħadd raħ jitkessaħ u jixrob. Kif ħriġna minn hemm ġew daħal fil-karozza tiegħu u kif beda jsuq, tilef il kontroll. Smajt twerzieq ta' tyres u f'daqqa ħassejt weġgħa kbira u stabatt bis-saħħa ma'l-art. Naħliflek Ma li ma xrobtx.

Ġie il-qassis. Qiegħed jgħidli xi ħaġa bil-mod ġo widnejja iżda m'hiniex nisimgħu. Ma lilek biss qed nisma, twiddibni biex ma nixrobx. Imma jaħasra jien ma xrobtx Ma. Għaliex ninsab jien wiċċi il-fuq f'dan id-demm kollu? Dak kien araħ Ma u jidħer għadu fis-sakra. Ma il-qassis qiegħed iroddli is-salib. Dejjem smajt milli għedtli int Ma u naħliflek li ma xrobtx

Ma....................

**P.C.524. Paul Cassar.**




PROTECT IT!
QUALITY PAINTS FOR INSIDE & OUTSIDE, WALLS & ROOFS. HEAVY DUTY EPOXY INDUSTRIAL COATINGS, MARINE PAINTS.
with SIGMA.
The No.1 Best Selling Paint in Malta.
SIGMA COATINGS
SIGMA COATINGS (MALTA) LTD. Tel: 448382 / 495413 Fax: 491145. ASK FOR THE SIGMA RANGE AT YOUR LOCAL IRONMONGER

# Alla kapaċi jbiddlek

Qegħdin nippublikaw esperjenza ta' raġel miżżewweg ta' 48 sena min-Naxxar li dehret ftit tax-xhur ilu fuq ir-rivista Shalom maħruga mill-grupp Kariżmatiku Holy Trinity tan-Naxxar. Hija testimonjanza li għandha tassew għax tħeġġiġna fil-mixja tal-konverżjoni tagħna lejn Alla f'dan ir-Randan li se nibdewh fit-12 ta' Frar.



Jiena għandi 48 sena u nista' ngħid li trabbejt f'familja tajba u magħquda. Meta kelli 19-il sena bdejt naħdem. Għalkemm ma kontx raġel ħażin, ftit ftit bdejt nagħraf x'taf tagħti d-dinja. Minkejja li l-quddies ta' nhar ta' Ħadd qatt ma fallejtha, Alla ftit li xejn kellu parti importanti fil-ħajja tiegħi. Bdejt nittraskura l-fidi, bdejt nidgħi, nara films pornografiċi, eċċ, eċċ. Meta kelli 28 sena, tlift lil missieri. Telfa li ħassejtha ħafna.

Kif daħal Alla f'ħajti?

Aktar ma kont qed nikber, aktar bdejt niħżien. Pero' meta kont immur il-quddies nhar ta' ħadd aktar bi drawwa milli b'konvinżjoni, kont nitlob lil Alla mill-qiegħ ta' qalbi biex jgħinni.

F'Novembru ta' l-1994, meta l-mara kienet imsiefra għall-vaganzi, kont għaddej minn biċċa nkwiet nobis. Bdejt naħseb li kont ser nitlef il-familja li tant inħobb. Kien żmien diffiċli fejn litteralment ma kontx kapaċi ndur lejn ħadd għall-għajnuna. F'daqqa waħda ftakart f'Alla, tlabtu bil-qalb u għamilt wegħda miegħu li jekk jgħinni f'din is-sitwazzjoni, meta tiġi l-mara mis-safar, jien kont se nibdel ħajti. Minkejja dan, xorta ma mortx inqerr.

Il-ħniena ta' Alla hija kbira tassew. Il-problema li kelli tinkwetani taret mar-riħ. Mill-ewwel kellimt lil ċerti "ħbieb" u għedtilhom sabiex lili jinsewni u li ma nridx ikolli x'naqsam iżjed magħhom.

Meta ġiet il-mara mis-safar, jien ftaħt qalbi magħha u għedtilha li ddeċidejt li nibdel ħajti, mhux bis-saħħa tiegħi, iżda li Alla kien kapaċi ibiddilni.

Kont ili snin ma nersaq lejn is-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. U sa fl-aħħar dan il-pass għamiltu. Bdejt immur kuljum il-quddies u noqgħod f'post fejn tassew inkun nista' nsegwi u nieħu sehem b'mod tajjeb. Mal-bidla f'ħajti ridt nagħmel ħafna affarijiet f'daqqa: xtaqt immur il-missjoni; xtaqt li taqbadni marda kerha sabiex inkun nista' npatti għad-dnubiet li għamilt matul ħajti. Imma Alla nebbaħni sabiex nieħu l-affarijiet bil-mod. Kelli familja x'nieħu ħsieb, u qalli li nista' nagħmel il-ġid bl-eżempju ta' ħajti, fuq il-post tax-xogħol u kull fejn inkun.

Sibt għajnuna kbira minn saċerdot, li bqajt inqerr dejjem għandu. Dan is-saċerdot issuġġerieli ningħaqad ma' Grupp ta' Talb kariżmatiku fin-Naxxar. U hekk għamilt.

Ta' kull nhar ta' Tnejn, inkun qed nistenna bil-ħerqa sabiex ningħaqad ma' l-aħwa tal-komunita sabiex flimkien infaħħru lil Alla ta' kull ma qed jagħmel magħna. F'dan il-grupp esperjenzajt tassew il-preżenza ta' Alla f'ħajti. Il-bidla li Hu għamel fija, hija fenomenali. Ma nixtieqx niftaħar, imma llum nistqarr li nixtieq ngħix kull minuta ta' ħajti GĦALIH BISS.

Ħuti, nikkonkludi billi nħeġġiġkom taqraw silta mill-Bibbja kuljum, u aħsbu fuqha. L-imħabba għandha tkun il-qofol ta' ħajjitna. Ħobbu u aħfru lil xulxin.

Tassew nista' ngħid li "is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar, Qaddis Hu l-Isem tiegħu".

## IL-BAHRIJA BELLUSIJA



Darba waħda s-Sinjura Pija
li kienet toqgħod Ħal Lija,
ċemplet ftit lil oħtha t-tewmija,
li kien jisimha Marija,
fejn flimkien ma' żewġha Elija
kienet tgħix ġewwa l-Wardija.

Ftehmu li l-għada fil-għaxija
Pija tgħaddi l-pitkalija,
tixtri l-ħaxix, frott, xi lumija,
titla bihom il-Wardija
sabiex ma' binhom Ġeremija
iqattgħu lejla sajfija

Sebħet għodwa tassew xemxija
u Pija, kollha bżulija,
bix-xogħol kienet ħafna mhedija,
fuqha tidher l-enerġija,
lestiet l-ikel kollu tjubija
w l-ħwejjeg kollha mitnija.

Xtrat l-affarijiet imsemmija,
b'ġewlaq kbir kienet mgħobbija,
u ferħana b'tant allegrija
w idejha bid-deheb mimlija,
bil-karrozza tagħha l-bulija
malajr ġriet lejn il-Wardija.

F'qasir żmien waslet bla tbatija.
baqgħet dieħla għand Marija,
x'ħin f'salt lemħet ġmiel ta' baħrija,
b'kulur sabiħ, bellusija,
u bdiet tgħajjat bil-fernezija
'se nirbaħ il-lotterija'!

Bħal sajjetta feġġ pulizija;
wiċċha sar kollu sfurija,
kien għoddu waqa' bil-mistħija,
kważi tagħtha puplesija,
x'ħin ta' ċitazzjoni qawwija
talli bdiet issuq bil-mija!

Perry Galea




## DESKRIZZJONI TA' L-EMBLEMA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

L-Emblema tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, li hi ta' metall abjad, tirrappreżenta s-Salib abjad ta' l-Ordni ta' San Ġwann bi tmien ponot, li fin-nofs tiegħu nsibu Tarka li fiha t-tradizzjonali Emblema ta' Malta bil-kuluri nazzjonali, l-Abjad u l-Aħmar, li tinsab imdawra b'żewġ ċrieki li jirrappreżentaw "iċ-Ċinturin u l-Bokkla", simbolu tal-Pulizija, li qegħdin fil-parti t'isfel taċ-ċrieki, filwaqt li fil-parti ta' fuq insibu l-kliem bil-Malti, "PULIZIJA TA' MALTA". Din l-Emblema, li tistrieħ fuq skoll, li fih il-motto tal-Korp: "DOMINE DIRIGE NOS", għanda tliet qisien differenti magħrufa bħala: Collar Badge; Cap Badge u Helmet Badge, u din ta' l-aħħar għandha gost artistiku fir-riġel ta' l-emblema biex jgħaniha.

*The Malta Police Force has a white metal Emblem, representing the white eight Pointed Cross of the Order of St.John, superimposed by a Shild with the traditionally Malta Emblem with the National Colours, White and Red, inside two circles forming the Police Symbol, "Belt and Buckle", at the lower part and at the upper part the words in Maltese, "PULIZIJA TA' MALTA". This emblem, which rests on a curved scroll with the motto, "DOMINE DIRIGE NOS!", has three different sizes known as: Collar Badge, Cap Badge and Helmet Badge , which has an embellishment design at the legs.*




## DESKRIZZJONI TAL-BANDIERA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

Il-Bandiera tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta hi ta' kulur ikħal skur, li f'nofsha hemm rappreżentazzjoni ta' l-Emblema tal-Korp tal-Pulizija, li għandha l-motto, "DOMINE DIRIGE NOS"

*The Flag of the Malta Police Force is coloured Royal Blue, representing the Malta Police Emblem in the centre, which has the motto, "DOMINE DIRIGE NOS".*
















Sole agents & distributors:

CAPT. A. CARUANA Ltd.

12, Republic Street, Valletta.
Tel: 246202 - 245903

# Kuljum Il-Ħin Kollu Servizzi tal-Mid-Med Bank

## ***Minn Hawn!***




**Għażel il-libertà u l-konvenjenza tal-Mid-Med Direct, 24 siegħa kuljum, il-ġimgħa kollha.**

**Sempliċi biex tuża u kunfidenzjali, il-Mid-Med Direct jagħtik l-opportunità li taqdi il-bżonnijiet bankarji permezz tal-kumdità tat-telefon tiegħek, f'Malta kif ukoll barra minn Malta.**

***Servizzi Bankarji aktar faċli mal-***

**MID-MED DIRECT**

**MA TĦALLAS L-EBDA CHARGE**

**Ipprova is-servizz fuq 493123 u ċempel fuq 0800 77 44 44 għal aktar tagħrif.**